

RELAZZJONIJIET BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW U L-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-UE

MT



RAPPORT ANNWALI 2021



Parlament Ewropew

IL-PARLAMENTI FL-UNJONI EWROPEA



Il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa bbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva.



705 postijiet*



Fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew.

L-Istati Membri huma rappreżentati fil-Kunsill Ewropew mill-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tagħhom u fil-Kunsill mill-gvernijiet tagħhom, fejn huma stess ikunu demokratikament responsabli lejn il-parlamenti nazzjonali tagħhom, jew lejn iċ-ċittadini tagħhom.



Il-parlamenti nazzjonali jikkontribwixxu b'mod attiv għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni billi...



...jinżammu informati mill-istituzzjonijiet tal-UE u jintbagħtulhom l-abbozzi tal-liġijiet tal-UE.



...jiżguraw li l-prinċipju tas-sus-sidjarjetà jiġi rrispettat.



...jieħdu sehem fil-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u jinvolvu ruħhom fil-monitoraġġ politiku tal-Europol u fl-evalwazzjoni tal-Eurojust.



...jieħdu sehem fil-proċeduri ta' revizzjoni tat-Trattati tal-UE.



...jiġu nnotifikati bl-applikazzjonijiet għall-adeżjoni mal-UE.



...jieħdu sehem fil-kooperazzjoni interparlamentari bejn il-parlamenti nazzjonali u mal-Parlament Ewropew.



Il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali għandhom jiddeterminaw flimkien l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni interparlamentari effikaċi u regolari fl-UE.



Il-Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC) tista' tippreżenta kull kontribut li jidhrilha xieraq għall-attenzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Din il-konferenza għandha tippromwovi wkoll l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew.

* Mill-1 ta' Frar 2020, il-Parlament Ewropew għandu 705 siġġijiet wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE fl-31 ta' Jannar 2020.

Sorsi: l-Artikolu 12 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea (Nru 1) anness mat-Trattati.

**DIRETTORAT GĦAR-RELAZZJONIJIET MAL-
PARLAMENTI NAZZJONALI**

RAPPORT ANNWALI 2021

**Relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u
l-parlamenti nazzjonali tal-UE**

Dan ir-rapport ta' attività annwali tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitàjiet u l-iżviluppi kollha fil-kooperazzjoni interparlamentari mal-parlamenti nazzjonali fl-2021. Din il-kooperazzjoni kienet tinvolvi 39 parlament u kamra parlamentari nazzjonali fis-27 Stat Membru u l-Parlament Ewropew.

Ir-rapport huwa pubblikazzjoni tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali tal-Parlament Ewropew, li jikkostitwixxi parti mid-Direttorat Ġenerali għall-Presidenza tal-Parlament Ewropew.

Katrin RUHRMANN

Direttriċi

katrin.ruhrmann@europarl.europa.eu

Jesús GÓMEZ

Kap tal-Unità, Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv

jesus.gomez@europarl.europa.eu

Anne Louise MCLAUHLAN

Kap tal-Unità, Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali

anne.mclauchlan@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta minn::

József BLASZAUER

Amministratur, Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv

jozsef.blaszauer@europarl.europa.eu

Il-manuskritt ingħalaq fil-5 ta' April 2022.

relnatparl@europarl.europa.eu

<https://www.europarl.europa.eu/relnatparl>

Ir-ritratti u l-illustrazzjonijiet kollha © l-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

WERREJ

Daħla mill-Viċi Presidenti tal-Parlament Ewropew responsabbli mir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali tal-UE	4
L-IŻVILUPPI U S-SUĠĠETTI EWLENIN FL-AĠENDA INTERPARLAMENTARI FL-2021	6
1. KORPI INTERPARLAMENTARI ISTITUZZJONALI	11
1.1 Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni (COSAC)	11
1.2 Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE (EUSC)	15
2. KONFERENZI INTERPARLAMENTARI	18
2.1 Ġimgħa Parlamentari Ewropea, Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE u Konferenza dwar is-Semestru Ewropew (IPC SECG)	18
2.2 Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)	20
3. SORVELJANZA INTERPARLAMENTARI FL-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA	23
3.1 Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġjunt dwar il-Europol	23
3.2 Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-evalwazzjoni tal-Eurojust	25
4. LAQGĦAT INTERPARLAMENTARI TAL-KUMITATI U KOOPERAZZJONI INTERPARLAMENTARI OĦRA	26
4.1 Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati	26
4.2 Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil	30
4.3 Kooperazzjoni interparlamentari fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE u assemblej parlamentari multilaterali	31
4.4 Żjarat bilaterali u skambji bilaterali oħra	33
5. KOOPERAZZJONI LEĠIŻLATTIVA MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-UE	34
5.1 Is-Sistema ta' Twissija Preventiva u l-Protokoll Nru 2 tat-Trattati	34
5.2 Djalogu Politiku Informali u l-Protokoll Nru 1 tat-Trattati	39
6. NETWORKS U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI	42
6.1 Skambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX)	42
6.2 Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD)	44
6.3 Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza	48
6.4 Network tar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fi Brussell	49
6.5 Seminars tal-persunal	50
7. GĦODOD U ATTIVITAJIET TA' APPOĠĠ	51
7.1 L-organizzazzjoni ta' laqgħat mill-bogħod u vidjokonferenzi	51
7.2 CONNECT – il-bażi tad-data tal-Parlament Ewropew ta' osservazzjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali	52
7.3 Direttorju tal-Kumitati Korrispondenti (CorCom)	53
7.4 Il-pubblikazzjonijiet tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali	54
8. DIRETTORAT GĦAR-RELAZZJONIJET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI	55
ANNESI	56
ANNEX I – Laqgħat tal-COSAC – Suġġetti u kelliema ewlenin tal-2021	57
ANNEX II – Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati u Konferenzi Interparlamentari organizzati mill-Parlament Ewropew fi Brussell fl-2021	58
ANNEX III – Żjarat tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew fl-2021 (inklużi vidjokonferenzi ffaċilitati mid-Direttorat)	59
ANNEX IV – Data tas-Sistema ta' Twissija Preventiva	60
ANNEX V – Kontributi fl-ambitu tal-Protokoll 1 – Djalogu Politiku Informali	61
ANNEX VI – Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD)	62
Glossarju tat-termini u tal-akronimi	66

Daħla mill-Viċi Presidenti tal-Parlament Ewropew responsabbli mir-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali tal-UE

Fiż-żmien li fih qed jiġi ppubblikat dan ir-rapport, l-Ewropa qed tħabbat wiċċha ma' sfidi bla preċedent minħabba l-invażjoni mhux provokata u inġustifikata tal-Ukrajna min-naħa tal-Federazzjoni Russa. Il-gwerra terribli mmexxija mill-Kremlin kontra l-popolazzjoni Ukrena qallbet l-ordni ta' sigurtà Ewropew ta' wara l-1991. F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea wriet għaqda fl-għan tagħha li tħares il-paċi, is-sigurtà, id-demokrazija u l-libertà fl-Ewropa, u ħadet azzjoni strateġika u deċiżiva li tissuġġerixxi li bdiet tevolvi f'attur veru u proprju fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà.

It-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19 irrappreżentat sena diffiċli oħra għall-Parlament Ewropew u għall-kooperazzjoni interparlamentari. Kważi kif ġara fl-2020, ir-restrizzjonijiet tal-pandemija ġiegħlu lill-parlamentari niltaqgħu fil-biċċa l-kbira mill-bogħod permezz tat-teknoloġija tal-vidjokonferenzi.

Bħal fl-2020, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa kienet fiċ-ċentru tad-dibattiti interparlamentari tas-sena l-oħra. Kemm il-parlamenti nazzjonali kif ukoll il-Parlament Ewropew ikkooperaw mill-qrib fuq il-Konferenza u żvolgħew rwol fundamentali f'dan id-dibattitu dwar it-tiswir tal-futur tal-Ewropa. Ħadmu flimkien biex jiddefendu l-interessi taċ-ċittadini biex jiżvolgħu rwol fit-tiswir mill-ġdid tal-politiki u tal-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll ir-rwol tal-parlamenti bħala r-rappreżentanti eletti taċ-ċittadini tagħhom.

Suġġetti oħra, bħall-evoluzzjoni tal-pandemija u kif l-UE għandha tindirizza l-kriżi soċjali u ekonomika riżultanti bi pjanijiet ta' rkupru wara l-pandemija, ġew diskussi wkoll b'mod wiesa' fil-laqqgħat tagħna.

L-attivitajiet interparlamentari kollha kellhom isiru kompletament mill-bogħod jew inkella f'format ibridu¹, minkejja l-intenzjoni inizjali kemm tal-Prezidenza Portugiża kif ukoll ta' dik Slovena li jorganizzaw avvenimenti bil-preżenza fiżika. Minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika, kien impossibbli li l-laqqgħat jiġu organizzati b'dan il-mod.

Minkejja dawn ir-restrizzjonijiet kollha, il-kooperazzjoni interparlamentari u d-djalogu leġiżlattiv mal-parlamenti nazzjonali tal-UE kienu intensifikati u l-avvenimenti interparlamentari b'mod ġenerali involvew parteċipazzjoni eċċezzjonalment għolja min-naħa tal-Membri kemm tal-Parlament Ewropew kif ukoll ta' dawk nazzjonali.

Huwa ċar li l-pandemija tal-COVID-19 kompliet tippreżenta sfidi organizzattivi għall-iżvolġiment bla intoppi tal-konferenzi interparlamentari. Madankollu, l-organizzaturi – il-Parlament Ewropew u l-parlamenti tal-Prezidenza Portugiża u ta' dik Slovena – irnexxielhom jindirizzaw l-isfidi prattiċi inerenti tal-laqqgħat mill-bogħod jew ibridi u bbażaw dan il-format il-ġdid fuq l-esperjenzi reċenti tagħhom, li wassal għal laqqgħat vivaċi u b'livell tajjeb ta' attendenza. Il-frekwenza u l-intensità tal-attivitajiet interparlamentari, minkejja ż-żieda mill-ġdid tal-pandemija tal-COVID 19, juru l-importanza tal-kooperazzjoni interparlamentari, billi l-iskambju tal-fehmiet fost il-Membri tal-Parlament Ewropew u ta' dawk nazzjonali huwa wieħed mill-fulkri tas-sistema parlamentari moderna. Barra minn hekk, aħna konvinti bil-qawwa li t-tisfiħ tar-rwol tal-parlamenti tagħna bħala rappreżentanti taċ-ċittadini u l-konsolidament ulterjuri tal-kooperazzjoni interparlamentari huma aspetti ta' importanza vitali għall-futur tad-demokrazija Ewropea.

Is-soluzzjonijiet informatiċi tal-aktar livell avanzat ippermettewlna nkomplu u saħansitra nintensifikaw l-iskambji tagħna, u nirrikonoxxu li t-teknoloġija tal-vidjokonferenzi, fejn kien il-każ, toffri l-possibbiltà li titnaqqas l-impronta tal-karbonju tal-laqqgħat parlamentari, u b'hekk tgħin biex jinkisbu l-oġettivi Ewropej¹ dawk li huma sostenibbiltà u klima. Madankollu, il-koll kemm aħna konvinti li ma teżisti l-ebda soluzzjoni teknoloġika li tista' tieħu post il-laqqgħat wiċċ imb wiċċ. Nittamaw sinċerament li fl-2022 naraw il-pandemija tintemm u mmorru lura għal laqqgħat interparlamentari,

¹ Fejn uħud mill-Membri tal-Parlament organizzatur, jiġifieri l-Parlament Ewropew jew il-Parlament tal-Prezidenza, kienu preżenti b'mod fiżiku, u parlamentari oħrajn ipparteċipaw mill-bogħod.

żjarat u attivitajiet oħrajn bil-preżenza fiżika.

Nixtiequ niringrazzjaw lill-ex Viċi President, Roberta Metsola, għad-dedikazzjoni u għall-kontribut tagħha għar-relazzjonijiet tal-Parlament Ewropew mal-parlamenti nazzjonali u nifirfulha talli ġiet eletta President tal-Parlament Ewropew f'Jannar 2022.

Bħala Viċi Presidenti responsabbli għar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali, inħeġġu d-djalogu interparlamentari u ninsabu konvinti li l-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-UE jibqgħu sħab ewlenin fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa. Aħna impenjati li nkomplu l-ħidma tagħna mal-parlamentari nazzjonali biex niżguraw li l-UE tibqa' post ta' paċi u prosperità għaċ-ċittadini tagħha.



Othmar Karas, l-ewwel Viċi President tal-PE, u Dita Charanzová, Viċi President, fil-binja tal-PE fi Strasburg

© I-Unjoni Ewropea 2021- PE/Andrea ADRIANI

Othmar Karas
EP First Vice-President

Dita Charanzová
Vice-President

L-IŻVILUPPI U S-SUĠĠETTI EWLENIN FL-AĠENDA INTERPARLAMENTARI FL-2021

Il-ħidma tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali fl-2021 twettqet taħt it-tmexxija politika u l-gwida tal-Onor. David Sassoli, il-President tal-Parlament Ewropew, tal-Onor. Roberta Metsola, l-Ewwel Viċi President, flimkien mal-Viċi President, l-Onor. Dita Charanzová, responsabbli għar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali, u mal-Onor. Antonio Tajani, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO) u tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati.

Mill-bidu nett, it-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19 kienet mistennija li tkun waħda diffiċli mil-lat politiku. Il-pandemija kienet fuq moħħ kulħadd, b'mod partikolari fir-rigward ta' kif għandhom jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha, kif jinkiseb irkupru ekoloġiku, diġitali u sostenibbli u jiġi żgurat l-iskrutinju parlamentari f'dan ir-rigward. Suġġetti rilevanti ħafna oħra li ġew diskussi f'bosta laqgħat inkludew il-politika migratorja tal-UE, is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri u s-sigurtà u l-azzjoni esterna tal-UE f'kuntest internazzjonali dejjem aktar instabbli, biex insemmu wħud minnhom.

Matul is-sena, il-parlamenti skambjaw il-fehmiet u l-esperjenzi tagħhom dwar il-miżuri biex jiġu miġġielda mewġiet ġodda tal-pandemija, inkluża l-istrateġija ta' vaċċinazzjoni tal-UE, u tennew l-appoġġ tagħhom għal approċċ magħqud tal-UE għall-vaċċini kontra l-COVID-19, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u l-qafas ta' sigurtà tas-saħħa l-ġdid tal-UE li jibqa' validu fil-futur – l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa – li huwa mfassal biex itejjeb ir-risposta għall-kriżijiet tas-saħħa transfruntieri, itejjeb il-prevenzjoni tal-mard u jżid il-kooperazzjoni transfruntiera.

Is-sitwazzjoni attwali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-aspettattivi tal-parlamenti dwar l-eżitu tagħha kienu inklużi fl-aġendi tal-laqgħat interparlamentari, flimkien mal-iżviluppi inkwetanti marbuta maż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fit-tieni nofs tas-sena, u l-konsegwenzi gravi tagħhom għan-negozji u l-konsumaturi.

Bħal fl-2020, minħabba t-tifqigħa tal-pandemija, l-adozzjoni ta' testi politiċi, li normalment ikunu s-suġġett ta' negozjati intensivi matul il-laqgħat, ġiet issostitwita bi proċeduri oħra. Fil-Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC), kemm il-Presidenza Portugiża kif ukoll dik Slovena ressqu ittri lill-istituzzjonijiet tal-UE li ġabru fil-qosor l-inizjattivi parlamentari li seħħew matul il-Presidenzi rispettivi tagħhom. Billi l-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti saret mill-bogħod ukoll, il-"Konklużjonijiet tal-Presidenza" ħadu post il-konklużjonijiet konvenzjonali. Madankollu, il-Konferenza adottat żewġ rapporti:

- rapport dwar kooperazzjoni interparlamentari msaħħa permezz tat-teknoloġija moderna;
- rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Aġġornament tal-Linji Gwida tal-Kooperazzjoni Interparlamentari.

Il-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) ukoll għażlet dikjarazzjoni finali mill-Kopresidenti minflok konklużjonijiet, li kienu tqiesu wisq diffiċli biex jiġu adottati permezz ta' laqgħa mill-bogħod.

Minkejja l-intenzjonijiet inizjali kemm tal-Presidenza Portugiża kif ukoll dik Slovena, il-laqgħat tal-COSAC, il-laqgħat interparlamentari tal-kumitati u l-avvenimenti organizzati mill-Parlament Ewropew kollha, inklużi l-laqgħat interparlamentari tal-kumitati, il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea (ĠPE) u l-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt (JPSG) dwar il-Europol, kellhom jiġu organizzati f'format mill-bogħod jew ibridu minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika, li ma ppermettietx li jsiru laqgħat kbar bil-preżenza fiżika fil-bliet kapitali tal-Presidenza jew fi Brussell.

It-tendenza tal-2020 komplet din is-sena billi l-għadd ta' laqgħat interparlamentari li saru fl-2021 kompli jżied. L-għadd ta' parteċipanti kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-parlamenti nazzjonali żdied ukoll b'mod sinifikanti.

Jidher li din iż-żieda fil-parteċipazzjoni kienet aġevolata l-aktar mill-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'laqgħat mill-bogħod mingħajr il-ħtieġa li dak li jkun jivvjaġġa. Fit-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19 kien hemm aċċelerazzjoni ulterjuri fl-użu tal-għodod diġitali, fatt li forsi jirrifletti l-modi ta' kif jistgħu jiġu organizzati fil-futur il-laqgħat parlamentari, għaliex il-format jista' jibqa' ibridu fuq żmien medju jew saħansitra itwal fil-perjodu ta' wara l-pandemija. Madankollu, kif ġie espress f'diversi fora interparlamentari, kulħass jaqbel mal-fatt li ma teżisti hemm l-ebda soluzzjoni teknoloġika li tista' tiegħu post il-laqgħat wiċċ imb wiċċ u li l-laqgħat bil-preżenza fiżika għandhom ikomplu malli tippermetti s-sitwazzjoni epidemjoloġika.

Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 u r-regoli fis-seħħ fil-Parlament Ewropew, ma ntlaqgħet l-ebda delegazzjoni u l-ebda żjara fl-2021. Madankollu, saru għadd ta' skambji mill-bogħod bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u dawk tal-parlamenti nazzjonali. Barra minn hekk ma kien hemm l-ebda żjara bilaterali mill-parlamenti nazzjonali tal-UE fil-bini tal-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew intensifika r-relazzjonijiet tiegħu mal-parlamenti nazzjonali permezz ta' skambji formali u informali bejn il-Viċi President tiegħu responsabbli għar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali u għall-COSAC, u diversi Presidenti tal-COSAC u l-komitati għall-affarijiet tal-UE rispettivi tagħhom.

Minħabba r-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija, il-vidjokonferenzi wrew li huma format partikolarment effiċjenti u ta' suċċess għal laqgħat informali, laqgħat ad hoc u skambji mmirati ma' kelliema ta' livell għoli, għalkemm il-Membri kemm tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll tal-Parlament Ewropew affermaw li ħassew in-nuqqas tal-iskambji wiċċ imb wiċċ aktar interattivi u tal-kuntatti personali. Din l-għodda hija mistennija li tibqa' metodu importanti ta' komunikazzjoni għal skambji bilaterali mmirati u diretti, għalkemm qatt mhi se tkun kapaċi tirreplika l-valur miżjud tal-laqgħat wiċċ imb wiċċ.

Il-kriżi tas-saħħa rriżultat ukoll fi skambju ta' informazzjoni (bil-miktub) online u elettroniku akbar bejn il-parlamenti, b'mod partikolari fil-qafas tan-networks taċ-Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD) u tal-iskambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX). Iż-żieda ta' aktar minn 80 % fl-għadd ta' osservazzjonijiet ppreżentati fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattati bejn l-2020 u l-2021 tista' tiġi spjegata mill-fatt li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-parlamenti nazzjonali kienu adattaw ruħhom għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 sal-2021, u kienu qed jaħdmu bil-kapaċità leġiżlattiva sħiħa tagħhom.

Fil-fatt, il-parlamenti nazzjonali taw għadd pjuttost kbir ta' kontributi fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2, b'mod partikolari bi tweġiba għal għadd ta' proposti leġiżlattivi dwar l-ambjent, il-ġustizzja u l-affarijiet interni. Din l-istatistika tikkonferma li l-parlamenti nazzjonali tal-UE jużaw il-Protokoll bħala mezz biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sustanza tal-proposti aktar ta' spiss pjuttost milli dwar is-sussidjarjetà. Dan jista' jirrifletti x-xewqa tagħhom li jkunu involuti aktar mill-qrib fis-sustanza tal-proċess leġiżlattiv.

In-numru ta' kontributi ppreżentati fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali żdied ukoll b'mod sinifikanti – minn 179 fl-2020 għal 222 fl-2021 (+ 24 %) – wisq probabbli għaliex il-Kummissjoni kienet attiva ħafna biex tipproponi leġiżlazzjoni ġdida fl-2021 bħala risposta għall-pandemija.

Is-sena 2021 rrappreżentat ukoll it-tnedija u l-implimentazzjoni ta' IPEX v3. Waħda mill-innovazzjonijiet ewlenin tal-pjattaforma l-ġdida hija l-fatt li tippermetti lill-parlamenti jtelligħu tipi ġodda ta' dokumenti, u mhux neċessarjament dawk marbutin mal-parametru tas-sussidjarjetà (opinjonijiet motivati jew kontributi fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali). Magħrufa bħala dokumenti fuq inizjattiva proprja, dawn għandhom l-għan li jhegħgu l-kooperazzjoni interparlamentari f'numru ta' oqsma, pereżempju: i) il-qafas finanzjaru pluriennali, ii) il-ftehimiet internazzjonali tal-UE, iii) il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, iv) kontributi parlamentari għall-ħidma tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u v) inizjattivi fil-qasam tan-Network għall-Appoġġ għad-Demokrazija.

Tradizzjonalment, il-kooperazzjoni interparlamentari tikkonċentra fuq kwistjonijiet u diskussjonijiet ta' natura politika u istituzzjonali. Is-Sistema ta' Twissija Preventiva, li tgħaqqad lill-parlamenti nazzjonali mal-proċess leġislativ tal-UE permezz tal-analiżi tas-sussidjarjetà, qanqlit djalogu leġislativ estensiv li jmur ferm lil hinn mis-sussidjarjetà. Matul dawn l-aħħar snin, ingħatat ukoll attenzjoni lill-iskrutinju u lis-sorveljanza parlamentari tal-azzjoni u tal-aġenziji eżekuttivi Ewropej, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. Il-kooperazzjoni parlamentari qiegħda tiżviluppa wkoll fil-qasam tal-politiki esterni tal-UE, l-aktar fil-qafas tal-PESK/PSDK, iżda wkoll fid-diplomazija parlamentari, fis-sostenn għad-demokrazija u fil-kooperazzjoni fi ħdan il-fora multilaterali u saħansitra globali, biex tippromwovi l-valuri u l-interessi Ewropej.

Fl-2021, fl-ambitu ta' diversi fora interparlamentari u diskussjonijiet bilaterali, tqajmu dawn is-suġġetti rikorrenti li ġejjin:

i. Ir-risposta tal-UE għall-pandemija u l-pjanijiet ta' rkupru

Matul is-sena, il-parlamentari tal-UE ddiskutew l-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 u b'mod partikolari r-risposta tal-UE għaż-żieda mill-ġdid tagħha u għall-varjanti emerġenti l-ġodda. Huma rriflettew ukoll fuq kif jindirizzaw ir-riperkussjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-pandemija permezz tal-investimenti, tal-kompetittività u tal-ħiliet u fuq kif l-irkupru jkun sostenibbli u ekoloġiku. Din il-kwistjoni ddominat id-diskussjonijiet fil-Ġimgħa Parlamentari Ewropea u kienet waħda mis-suġġetti ewlenin tal-Laqqgħa tal-Presidenti tal-COSAC taħt il-Presidentza Portugiża tal-Kunsill. B'mod aktar speċifiku, ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza kien wieħed mill-punti saljenti tal-Laqqgħa Plenarja tal-COSAC.

Irene Tinagli, President tal-Kumitat tal-PE għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), u Luís Capoulas Santos, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej tal-Assemblea tar-Repubblika Portugiża, fil-Laqqgħa tal-Kumitat Interparlamentari ECON "Ir-Reżiljenza u l-Irkupru mill-kriżi tal-COVID-19", it-22 ta' Frar 2021

© I-Unjoni Ewropea 2021- Philippe BUISSIN



ii. Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

Il-membri tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali komplew jirriflettu dwar il-futur tal-Ewropa fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li waslet biex tikkonkludi l-ħidma tagħha fl-2022. L-aħħar żviluppi tal-Konferenza u l-importanza tad-dimensjoni parlamentari fil-proċessi u fid-diskussjonijiet tagħha ġew enfasizzati waqt numru ta' laqgħat interparlamentari, b'mod partikolari l-Laqqgħa Plenarja tal-COSAC fid-29 u t-30 ta' Novembru 2021.



Charles Goerens, Viċi President tal-Komitat tal-PE għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO), Gašper Dovžan, is-Segretarju tal-Istat tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tas-Slovenja, u Guy Verhofstadt, Kopresident tal-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fil-Laqgħa tal-Komitat Interparlamentari AFCO "L-aspettattivi tal-Parlamenti nazzjonali għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa", id-9 ta' Novembru 2021

© I-Unjoni Ewropea 2021 - Alexis HAULOT

iii. L-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali

Billi ir-rispett tal-istat tad-dritt sar prijorità trasversali fil-politiki kollha tal-UE, dan ġie rifless ukoll f'diversi dibattiti interparlamentari, filwaqt li tqies ir-rwol kruċjali tal-parlamenti nazzjonali fil-ħarsien u fl-infurzar tal-valuri u tal-liġijiet tal-UE, u fil-prijoritajiet tal-Presidenza Portugiża tal-Kunsill.

F'dan il-kuntest, id-diskussjonijiet iffokaw ukoll fuq l-impatt fuq id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali tal-miżuri tal-pandemija li ttieħdu minn ħafna gvernijiet, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi żgurat l-iskrutinju tal-eżekuttiv li jrid jiġi eżerċitat mill-parlamenti. F'din il-perspettiva, fid-9 ta' Diċembru, il-Komitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) organizza laqgħa interparlamentari tal-komitati dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE. Il-laqgħa ġiet maqsuma f'żewġ gruppi ta' esperti, wieħed iddedikat għal skambju ta' fehmiet dwar ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt għall-2021, u wieħed intitolat "The way forward on the Mechanism on Democracy, Rule of Law and Fundamental Rights" (It-triq 'il quddiem għall-Mekkaniżmu dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali). Ġiet diskussa wkoll b'mod usa' l-kwistjoni tal-applikazzjoni tar-regoli ta' kundizzjonalità sabiex jintrabat l-iżborż tal-fondi tal-UE mar-rispett għall-istat tad-dritt. Barra minn hekk, il-laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC li saret fid-19 ta' Lulju 2021 iddiskutiet ukoll il-valuri Ewropej u l-istat tad-dritt fl-Unjoni.



Juan Fernando López Aguilar, President tal-Komitat tal-PE għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), u Didier Reynders, il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, fil-laqgħa tal-Komitat Interparlamentari LIBE dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE, id-9 ta' Diċembru 2021

© I-Unjoni Ewropea 2021 - Alexis HAULOT

iv. It-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali

It-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali huma prijorità ewlenija tal-Kummissjoni mmexxija mill-President Ursula von der Leyen u kienu wieħed mis-suġġetti ewlenin tad-dibattiti, mhux inqas matul il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea tal-2021. Ġew diskussi wkoll il-ħtieġa ta' regoli komuni tal-UE dwar teknoloġiji aċċessibbli ċċentri fuq il-bniedem li jirrispettaw il-valuri tal-UE, kif ukoll ta' pjanijiet tal-UE għat-tixrid ta' teknoloġiji diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, is-supercomputing u l-pjattaformi ta' data b'mod aktar ġenerali.

Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea ffokat aktar ukoll fuq l-ekoloġija fl-2021, b'enfasi partikolari fuq it-tibdil fil-klima u r-rwol dejjem aktar prominenti fil-politiki ekonomiċi, baġitarji u soċjali tal-UE.

Bi tnejn għall-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, il-parlamentari ppromwewew l-aċċelerazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima fid-dinja kollha u stiednu lill-UE jibqa' jkollha rwol ta' tmexxija fid-dinja fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Huma saħqu wkoll fuq il-ħtieġa ta' tranżizzjoni ġusta għal ekonomija ekoloġika.

v. Il-migrazzjoni

Il-migrazzjoni baqgħet tokkupa post prominenti fl-aġenda tas-sena l-oħra. Wara l-Prezidenza Ġermaniża tal-Kunsill, il-Parlament Ewropew organizza Konferenzi ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil mill-bogħod flimkien ma' kull Prezidenza u mat-tliet parlamenti. Il-Parlament Franċiż se jorganizza avveniment bħal dan matul il-Prezidenza Franċiża.

vi. Ir-rwol tal-UE fid-dinja

Billi l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali, politiċi u ġeopolitiċi drammatiċi tal-pandemija komplew ikollhom impatt fuq l-aspetti ewlenin tal-PESK u tal-PSDK tal-UE, il-kuntest ta' sigurtà tal-UE wkoll kompli jiddeterjora fl-2021 u kien wieħed mill-aktar suġġetti diskussi fil-fora interparlamentari dwar il-kwistjonijiet tal-politika estera.

Fil-qafas tal-Konferenza Interparlamentari dwar il-PESK/PSDK, l-iskambji ffokaw fuq it-tifqigħa globali tal-pandemija tal-COVID-19 bħala punt ta' żvolta fil-livell internazzjonali u katalizzatur tal-bidla fl-ordni globali. Il-membri li pparteċipaw f'din il-kooperazzjoni saħqu fuq l-importanza fundamentali tar-reżiljenza interna tal-UE, tal-iżvilupp ta' sħubijiet ġodda u tat-tisħiħ tal-viżjoni multilaterali tal-UE fid-dinja kollha, filwaqt li laqgħu l-inizjattivi Tim Ewropa u Rispons Globali għall-COVID-19, li qed jgħinu lill-pajjiżi sħab jindirizzaw l-impatt tal-pandemija.

Huma stiednu lill-Istati Membri juru rieda politika reali li jkomplu bl-għanijiet tal-politika estera tal-UE u jiġġieldu t-tentattivi mill-pajjiżi terzi li jifirdu l-UE, u nnotaw li għad hemm potenzjal konsiderevoli mhux sfruttat fil-kombinament u fl-integrazzjoni tal-komponenti kollha tal-azzjoni esterna tal-UE – inkluża l-aspetti tas-setgħa kemm ta' persważjoni (soft power) kif ukoll ta' koerċizzjoni (hard power) – biex jinkisbu l-għanijiet tal-PESK u l-PSDK.

Il-Brexit u l-ewwel sena tal-Ftehim il-ġdid dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit kien suġġett trasversali u rikorrenti ieħor.

1. KORPI INTERPARLAMENTARI ISTITUZZJONALI

1.1 Konferenza tal-Komitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni (COSAC)



COSAC, jew il-Konferenza tal-Komitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni, ġiet stabbilita f'Novembru 1989 f'Pariġi. L-uniċità tagħha tikkonsisti fil-fatt li hija l-uniku forum interparlamentari stabbilit fit-Trattati (Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea). Il-parlament nazzjonali tal-Istat Membru li jkun qed jorganizza l-Prezidenza tal-Kunsill b'rotazzjoni jżvolgi rwol ewlieni fid-definizzjoni tad-direzzjoni u tal-ħidma tal-COSAC. Il-COSAC tgawdi wkoll mill-appoġġ tat-Trojka Presidenzjali, li l-Parlament Ewropew huwa membru permanenti tagħha. Il-Prezidenza toqgħod fuq l-appoġġ organizzattiv ta' segretarjat żgħir, ospitat mill-Parlament Ewropew u mmexxi minn uffiċjal issekondat minn parlament nazzjonali ("membru permanenti"). Ara www.ipex.eu

L-Assemblea tar-Repubblika Portugiża inawgurat id-dimensjoni parlamentari tal-Prezidenza Portugiża tal-Kunsill bil-laqgħa tal-Presidenti fil-11 ta' Jannar 2021. Kemm din il-laqgħa kif ukoll il-LXV Laqgħa plenarja tal-COSAC saru mill-bogħod, minkejja l-intenzjonijiet inizjali tal-Prezidenza li torganizza l-avvenimenti bil-preżenza fiżika, u dan sfortunatament sar impossibbli minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika.

Il-laqgħa tal-Presidenti li saret f'Jannar iffokat fuq modi ta' risposta għall-pandemija, fosthom tranżizzjoni lejn il-bini ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa, l-indirizzar tal-impatti tal-kriżi tas-saħħa u l-promozzjoni tal-irkupru fl-UE. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza kienu fiċ-ċentru tal-attenzjoni tal-Prezidenza Portugiża u s-suġġett ta' diskussjonijiet estensivi. Il-parlamentari ddiskutew ukoll il-prijoritajiet l-oħra tal-Prezidenza Portugiża, bħat-tiżiħ tal-mudell soċjali Ewropew u tal-valuri fundamentali tal-UE u dwar kif tiġi promossa l-awtonomija tal-Ewropa filwaqt li tibqa' miftuħa għad-dinja.

Matul il-Laqqgħa plenarja tal-COSAC li saret mill-31 ta' Mejju sal-1 ta' Ġunju 2021, bil-parteċipazzjoni tal-Prim Ministru, António Costa, il-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali ħadu kont tal-Prezidenza Portugiża tal-Kunsill u ddiskutew is-suġġett ta' Ewropa soċjali u l-eżiti tas-Summit ta' Porto. Huma skambjaw ukoll fehmiet dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza nazzjonali u l-importanza tal-iskrutinju parlamentari f'dan ir-rigward. Sessjoni oħra kienet iddedikata għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li matulha Guy Verhofstadt u l-Kummissarju Dubravka Šuica, Kopresidenti tal-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza, illustraw il-mod ta' organizzazzjoni tal-Konferenzau l-miżuri meħudin s'issa. Is-sessjoni kienet komoderata minn Antonio Tajani, President tal-Komitat tal-PE għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO), li ta impuls notevoli qabel il-Konferenza billi tkellem dwar il-ħidma tal-AFCO.



Roberta Metsola, l-Ewwel Viċi President tal-PE fil-LXV Laqgħa Plenarja tal-COSAC, mill-31 ta' Mejju sal-1 ta' Ġunju 2021

© UE-PE

F'Lulju 2021, il-Prezidenza tal-COSAC għaddiet għand il-parlament nazzjonali tas-Slovenja li, minħabba r-restrizzjonijiet kontinwi imposti mill-pandemija tal-COVID-19, kellhom ilaqgħu l-avvenimenti tal-COSAC mill-bogħod.

Il-laqgħa tal-Presidenti saret fid-19 ta' Lulju 2021. Il-Prezidenza Slovena kompliet taħdem fuq il-ħtieġa li l-UE turi reżiljenza, irkupru u awtonomija strateġika sabiex tindirizza l-pandemija, filwaqt li rriflettiet ukoll fuq il-futur tal-Ewropa fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Dawn is-suġġetti kollha ġew diskussi mill-parlamentari waqt il-laqgħa tal-Presidenti, flimkien mas-sitwazzjoni tal-valuri Ewropej u l-istat tad-dritt fl-UE, is-sigurtà fl-UE u l-istabbiltà fil-viċinat tagħha. Il-Kummissarju għas-Suq Intern, Thierry Breton, ġie mistieden jippreżenta l-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni għaċ-ċibersigurtà tal-UE, li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tal-Ewropa kontra t-tbeddid ċibernetiku u tippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji tal-UE jibbenefikaw minn servizzi affidabbli u fdati.



Laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC, is-16 ta' Lulju 2021

© I-Unjoni Ewropea 2021 – Paġna web tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali

Is-LXVI Laqgħa tal-COSAC saret mill-bogħod lejn l-aħħar ta' Novembru. Il-Prezidenza Slovena tal-Kunsill għet diskussa fil-preżenza tas-Segretarju tal-Istat tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Sloven. Dibattitu dwar il-prospettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent ġibed ħafna interess, u l-maġġoranza tal-kelliema tkellmu favur l-appoġġ għal dan il-proċess filwaqt li nnotaw il-ħtieġa għall-konformità sħiħa mal-kriterji u mar-riformi meħtieġa, b'mod partikolari fil-qasam tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt. Il-parlamentari skambjaw ukoll fehmiet dwar ir-rwol futur taż-żgħażaġħ fil-proċessi deċiżjonali tal-UE u għal darb'oħra ddiskutew l-aħħar żviluppi tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-importanza tad-dimensjoni parlamentari fil-proċessi u fid-diskussjonijiet tagħha.

Il-Prezidenza Slovena lestiet ukoll b'suċċess il-ħatra ta' membru permanenti ġdid tas-Segretarjat tal-COSAC għall-2022-2023.

La l-LXV u lanqas is-LXVI plenarja tal-COSAC ma adottaw kontribut fil-forma ta' dikjarazzjoni politika. Fuq l-eżempju tal-Prezidenza Kroata u ta' dik Ġermaniża matul il-perjodu tal-COVID-19 fl-2020, kemm il-Prezidenza Portugiża kif ukoll dik Slovena ressqu ittra indirizzata lill-istituzzjonijiet tal-UE li ġabret fil-qosor l-inizjattivi parlamentari li seħħew matul il-Prezidenzi rispettivi tagħhom.

Għal darb'oħra, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit kellhom jiġu nnegozjati fl-2021, din id-darba fil-qafas tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. It-Trojka Presidenzjali tal-COSAC kompliet testendi stedinet lill-Parlament tar-Renju Unit fuq talba tal-House of Lords u tal-House of Commons tar-Renju Unit bil-għan li jinżammu relazzjonijiet interparlamentari produttivi.

Din is-sena wkoll, il-kumdità li jiġu organizzati l-laqgħat mill-bogħod permezz tat-teknoloġija tal-vidjokonferenzi ppermettiet li jsiru laqgħat addizzjonali biex jikkomplementaw il-laqgħat tal-Presidenti u plenarji tal-COSAC. Fuq l-eżempju tal-Kroazja u tal-Ġermanja, iż-żewġ Prezidenzi din is-sena komplew jorganizzaw skambji informali tal-fehmiet għall-Presidenti tal-COSAC ma' kelliema ta' livell għoli, b'mod speċifiku l-Kummissarji Ewropej. Il-laqgħat tat-Trojka Presidenzjali ġew organizzati wkoll ħafna qabel il-laqgħat ewlenin tal-COSAC, minflok sempliċement lejliet.

Ara l-Anness I għall-avvenimenti u għal-laqgħat tal-COSAC.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- L-iskambji tal-COSAC żdiedu fl-2021, b'aktar skambji informali ta' fehmiet ma' kelliema ta' livell għoli mill-Kummissjoni Ewropea.
- Minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika, li ma ppermettietx l-preżenza fiżika għal-laqgħat il-kbar fil-bliet kapitali tal-Prezidenza, il-laqgħat kollha tal-COSAC fl-2021 kellhom isiru mill-bogħod.
- Il-Parlament Ewropew intensifika r-relazzjonijiet ta' xogħol u l-kooperazzjoni tiegħu fl-ambitu tal-COSAC, billi żamm parteċipazzjoni sinifikanti u regolari fil-laqgħat tal-COSAC.

1.2 Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti tal-UE (EUSC)

Il-Linji Gwida ta' Stokkolma għall-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti tal-UE ġew adottati fl-2010. Dawn jipprevedu laqgħa annwali waħda tal-Prezidenti, organizzata mill-Istat Membru li jeżerċita t-tieni Presidenza semestrali f'sena partikolari, b'tali mod li ssir matul il-Prezidenza tar-rebbiegħa tas-sena ta' wara. Din il-Konferenza tadotta konklużjonijiet mhux vinkolanti tal-Prezidenza. Hija fdata wkoll bil-kompitu li tissorvelja l-koordinament tal-attivitajiet interparlamentari tal-UE.

L-aġenda tal-EUSC titħejja mil-Laqgħa tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti tal-UE. Ara www.ipex.eu

Wara l-kanċellazzjoni tal-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti tal-UE tal-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-Prezidenza Ġermaniża ħadet l-inizjattiva li torganizza l-konferenza tal-2021 mill-bogħod minn Berlin f'Mejju 2021.

Il-konferenza ġiet imqassra għal nofstanhar u nfetħet b'diskors ta' merħba ta' Wolfgang Schäuble, President tal-Bundestag, u ta' Reiner Haseloff, President tal-Bundesrat. Il-Parlament Ewropew kien irrappreżentat mill-Ewwel Viċi President, Roberta Metsola.

Il-Prezidenti tal-Parlamenti ddiskutew is-suġġett "Id-diġitalizzazzjoni u t-tibdil fl-isfera pubblika – ir-riskji u l-opportunitajiet għad-demokrazija rappreżentattiva". Waqt id-dibattitu, l-Ewwel Viċi President Metsola sstotolinjat il-ħtiegħa tal-protezzjoni tal-integrità tal-elezzjonijiet Ewropej u t-titjib ulterjuri tat-trasparenza tal-UE. Id-deskriviet il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, bid-dimensjoni parlamentari b'saħħitha tagħha, bħala opportunità biex titħeġġeġ parteċipazzjoni pubblika akbar fl-UE.

Billi l-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti saret mill-bogħod, ma ġiet adottata l-ebda konklużjoni; dan ġew issostitwiti mill-"Konklużjonijiet tal-Prezidenza", f'koordinament mal-membri l-oħra tat-Trojka (il-Finlandja, is-Slovenja u l-Parlament Ewropew).

Madankollu, il-laqgħa offriet l-opportunità għall-adozzjoni ta' żewġ rapporti li kellhom jiġu posposti mill-konferenza tal-2020, li ġiet ikkanċellata minħabba l-pandemija. Iż-żewġ rapporti ġew adottati b'mod unanimu mil-Laqgħa tas-Segretarji Ġenerali f'Marzu 2021:

- Rapport dwar il-kooperazzjoni interparlamentari msaħħa permezz tat-teknoloġija moderna;
- Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Aġġornament tal-Linji Gwida tal-Kooperazzjoni Interparlamentari.

Fil-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti tal-UE li saret fi Vjenna f'April 2019, tressqet talba lill-Prezidenza Finlandiża biex jiġi organizzat grupp ta' ħidma bil-għan li jippreżenta proposta għal aġġornament tal-Linji Gwida tal-2018 għall-Kooperazzjoni Interparlamentari fl-Unjoni Ewropea. Il-grupp ta' ħidma ntabal ukoll jirrapporta dwar kif isir użu aħjar tal-metodi ta' komunikazzjoni moderni biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni interparlamentari.

Il-grupp ta' ħidma ppreżenta l-konklużjonijiet tiegħu lil-Laqgħa tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti tal-UE f'Helsinki (is-26 u s-27 ta' Jannar 2020). Madankollu, minħabba l-kanċellazzjoni tal-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti tal-UE f'Mejju 2020, ir-rapporti ma setgħux jiġu adottati, għalhekk il-Parlament Finlandiż talab li l-Prezidenza Ġermaniża tal-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti tippreżenta d-dokument fil-laqgħa tal-Prezidenti tal-Parlamenti f'Mejju 2021.

Rapport dwar il-kooperazzjoni interparlamentari permezz tat-teknoloġija moderna

Ir-rapport dwar il-kooperazzjoni interparlamentari permezz tat-teknoloġija moderna tħejja

oriġinarjament mill-grupp ta' ħidma għall-bidu tal-2020, qabel il-bidliet rapidi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-użu tat-teknoloġija informatiċi. Il-Presidenza Ġermaniża, bil-qbil tal-kap Finlandiż tal-grupp ta' ħidma, irrikonoxxiet il-ħtieġa li jiġi emendat ir-rapport biex jirrifletti t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija. Għalhekk, fil-laqgħa tas-Segretarji Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2021, tressaq test rivedut, li kompla jiġi emendat qabel ma ġie adottat mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti fl-14 ta' April 2021.

Ir-rapport finali, li ġie adottat b'mod unanimu mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti, jinkludi r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- jiġi nnotat li bl-ebda mod ma jistgħu jiġu s-sostitwiti l-konferenzi interparlamentari stabbiliti fil-qafas permanenti mill-Artikolu 2 tal-Linji Gwida għall-Kooperazzjoni Interparlamentari fl-UE sakemm ma jkunx impossibbli li tiġi organizzata laqgħa bil-preżenza fiżika, u f'dak il-każ it-teknoloġija tista' toffri alternattiva affidabbli u valida;
- jiġi osservat li l-vidjokonferenzi, meta jkun il-każ, joffru opportunità biex titnaqqas l-impronta tal-karbonju tal-laqgħat, u b'hekk jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ewropa f'dawk li huma sostenibbiltà u klima.
- jiġi osservat li t-teknoloġija tippermetti s-sostituzzjoni ta' ċerti laqgħat mhux essenzjali, pereżempju għal finijiet preparatorji jew amministrattivi jew dawk ta' uffiċjali, permezz tat-telekonferenzi, ta' spazji ta' xogħol kollaborattivi jew mezzi tekniċi oħrajn;
- il-parlamenti jitħeġġu jiffaċilitaw il-vidjokonferenzi interparlamentari permezz tal-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-informatika u t-teknoloġija sabiex il-vidjokonferenzi jsiru strument aktar effiċjenti u prevedibbli għall-futur, filwaqt li fl-istess ħin jissaħħu r-reżiljenza u s-sovranità diġitali tal-Ewropa, u jiġu difiżi r-regolamenti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;
- jiġi nnotat il-fatt li t-teknoloġiji li jintużaw biex jieħdu post jew isaħħu l-laqgħat għandhom jinkorporaw l-istess valuri ta' kollaborazzjoni, inklużività, parteċipazzjoni u ftuħ li minn dejjem ikkaratterizzaw il-konferenzi interparlamentari, inklużi l-arranġamenti lingwistiċi;
- il-parlamenti, meta jippjanaw l-akkwist tal-ICT, jitħeġġu jikkunsidraw ir-rekwiżiti tal-komunikazzjoni interparlamentari u l-għan li jissaħħu r-reżiljenza u s-sovranità diġitali tal-Ewropa bħala fattur għad-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet.

Rapport dwar l-aġġornament tal-Linji Gwida tal-Kooperazzjoni Interparlamentari

Il-mandat tal-grupp ta' ħidma stabbilit mill-Presidenza Finlandiża fuq it-talba tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE fi Vjenna f'April 2019 kien li jadatta għall-kundizzjonijiet eżistenti l-Linji Gwida ta' Liżbona għall-Kooperazzjoni Interparlamentari fl-UE. Il-Linji Gwida ta' Liżbona, li jipprovdu qafas ġenerali għall-kooperazzjoni interparlamentari, ġew approvati fl-2008 qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattati ta' Liżbona. Dawn kienu saru obsoleti u ma kinux jirriflettu l-iżviluppi sussegwenti fl-ambitu tal-kooperazzjoni interparlamentari.

Il-grupp ta' ħidma ġie mistieden iħejji rapport għall-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE f'Helsinki fl-2020 dwar is-suġġetti li ġejjin:

- l-adattament tekniku tal-Linji Gwida għall-kundizzjonijiet eżistenti, inkluż użu aktar strinġenti ta' referenzi għat-Trattati u revizzjoni lingwistika tal-Linji Gwida kollha kemm huma;
- l-inklużjoni ta' formati eżistenti ta' konferenzi fil-Linji Gwida, bħall-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea, il-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u l-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol;
- użu aħjar tal-mezzi moderni ta' komunikazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni interparlamentari.

Il-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti tal-UE talbet ukoll lill-Prezidenza Finlandiża tkejj fehim komuni xieraq dwar il-Laqqgħa Interparlamentari tal-Kumitati li għandha tiġi organizzata mill-Parlament Ewropew dwar l-evalwazzjoni tal-Eurojust, kif previst mir-Regolament tal-Eurojust, sabiex il-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti ta' Helsinki tkun tista' tasal għal konklużjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet.

Il-mandat ta' Vjenna ġie segwit bir-reqqa, b'abbozz ta' aġġornament tekniku u lingwistiku tal-Linji Gwida. L-iżviluppi ta' wara Liżbona, b'mod partikolari l-konferenzi interparlamentari l-ġodda u l-iskrutinju u l-evalwazzjoni konġunti fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, huma rreġistrati b'mod koerenti. L-istruttura tal-abbozz ta' Linji Gwida hija aktar informattiva. Ġew miżjuda referenzi għall-bażijiet ġuridiċi u għar-regoli ta' proċedura ta' kull korp interparlamentari.

Il-Linji Gwida aġġornati ġew adottati b'mod unanimu mill-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Il-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti saret mill-bogħod wara l-kanċellazzjoni tagħha fl-2020.
- Il-"Konklużjonijiet tal-Prezidenza" ġew adottati minflok il-Konklużjonijiet konvenzjonali.
- Ġie adottat ir-rapport dwar il-kooperazzjoni interparlamentari permezz tat-teknoloġija moderna.
- Ir-rapport dwar l-aġġornament tal-Linji Gwida tal-Kooperazzjoni Interparlamentari ġie adottat ukoll.

2. KONFERENZI INTERPARLAMENTARI

2.1 Ġimgħa Parlamentari Ewropea, Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE u Konferenza dwar is-Semestru Ewropew (IPC SECG)

Il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE (stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja [il-Patt Fiskali]) tipprovdha qafas għal dibattitu u skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti u għal kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew.

Il-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew tirrappreżenta opportunità għal skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni taċ-ċikli tas-Semestru Ewropew u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bil-ħsieb li jsir eżerċizzju ta' skrutinju fuq l-azzjonijiet tal-eżekuttiv fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew.

Iż-żewġ konferenzi jiffurmaw il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea, li tlaqqa' flimkien parlamentari tal-UE kollha biex jiddiskutu dwar kwistjonijiet ekonomiċi, baġitarji u soċjali. Iż-żewġ konferenzi saru appuntamenti fissi fil-kalendarju tal-attivitajiet interparlamentari u huma fora konsolidati għad-dibattitu interparlamentari f'dawn l-oqsma politiki importanti.

Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea (ĠPE) tal-2021, koorganizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Parlament Portugiż, saret fit-22 ta' Frar 2021 fi Brussell. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-avveniment sar mill-bogħod permezz tat-teknoloġija tal-vidjokonferenzi. Din kienet l-għaxar edizzjoni tal-Konferenza u attendew għaliha madwar 140 parlamentari mis-27 Stat Membru tal-UE u minn erba' pajjiżi kandidati u osservaturi biex jiddiskutu dwar kwistjonijiet ekonomiċi, baġitarji, ambjentali u soċjali. Aktar minn 60 Membru rrappreżentaw lill-Parlament Ewropew. L-għadd għoli ta' parteċipanti huwa prova tas-suċċess, tar-rilevanza u tal-bżonn ta' skambju parlamentari tas-suġġetti proposti fiż-żminijiet diffiċli tal-lum.

Id-dibattiti kienu ddominati mir-riperkussjonijiet tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-ekonomiji tal-UE u l-irkupru tagħhom. Il-konferenza bdiet b'sessjoni plenarja tal-ftuħ bi grupp ta' esperti internazzjonali u Ewropew bi profil għoli li inkluda lil David Sassoli, President tal-Parlament Ewropew, Eduardo Ferro Rodrigues, President tal-Assemblea tar-Repubblika Portugiża, Charles Michel, President tal-Kunsill Ewropew, Ursula von der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea, António Guterres, Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Kristalina Georgieva, Direttur Maniġerjali tal-Fond Monetarju Internazzjonali u Christine Lagarde, President tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Matul id-diskussjoni tal-grupp ta' esperti, il-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali qiesu t-tnejn tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-parlamentari mit-Triju tal-Presidenza (il-Ġermanja, il-Portugall u s-Slovenja) u tliet rapporteurs tal-Parlament Ewropew dwar il-Fond ta' Rkupru u Reżiljenza kkondividew il-fehmiet u d-dubji tagħhom dwar it-tnedija ta' dan l-istrument finanzjarju l-ġdid.

Id-diskussjonijiet plenarji ġew segwiti minn erba' laqgħat interparlamentari simultanji tal-kumitati organizzati mill-Kumitat għall-Baġits (BUDG), il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) tal-Parlament Ewropew.

Matul il-laqgħa interparlamentari tal-Kumitat ECON, id-dibattitu ffoka fuq il-ħtieġa li jinżammu politiki fiskali espansivi filwaqt li ssir riflessjoni dwar il-mudelli ekonomiċi eżistenti. Ġie indikat li l-pandemija

tista' tkun opportunità biex l-ekonomiji tal-UE jsiru aktar sostenibbli u propizji għat-ktabbir. Matul id-dibattitu li sar fil-laqqgħa interparlamentari tal-Kumitat BUDG, il-messaġġ prinċipali lill-parlamenti nazzjonali kien il-bżonn ta' ratifika rapida tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji b'tali mod li jtnieda l-pjan għall-irkupru. Id-diskussjonijiet fil-laqqgħa tal-Kumitat EMPL iffokaw fuq il-mod kif għandhom jiġu implimentati l-20 prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali sabiex tintemm malajr il-kriżi attwali. Il-Membri saħqu li d-dimensjoni soċjali għandha tkun il-qalba tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jiġu appoġġati t-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika.

Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea ffokat aktar fuq l-ekoloġija fl-2021, b'enfasi partikolari fuq it-tibdil fil-klima u r-rwol dejjem aktar prominenti fil-politiki ekonomiċi, baġitarji u soċjali tal-UE. Din il-bidla ġiet riflessa fl-ewwel edizzjoni tar-raba' laqqgħa interparlamentari tal-kumitati organizzata mill-Kumitat ENVI, li matulha l-parteċipanti skambjaw ideat dwar sinerġiji possibbli bejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-perkors lejn il-bini ta' unjoni Ewropea tas-saħħa aktar reżiljenti. Il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-parlamentari nazzjonali ffokaw fuq il-promozzjoni tat-ktabbir sostenibbli bħala prinċipju gwida għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex il-kriżi attwali tal-pandemija tintuża bħala katalizzatur għall-bini mill-ġdid tal-ekonomiji tagħna b'mod aktar ekoloġiku.

Kif inhi d-drawwa fit-tieni nofs tas-sena, fit-28 ta' Settembru 2021 fil-kapitali tal-Prezidenza tal-Kunsill (Ljubljana, is-Slovenja) saret **is-16-il Konferenza Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE**. Il-laqqgħa saret mill-bogħod mill-Assemblea Nazzjonali Slovena. Matul il-konferenza, ir-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew, flimkien mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Grupp tal-Euro, iddiskutew il-kwistjonijiet finanzjarji u ekonomiċi attwali fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19.

L-ewwel grupp ta' esperti inkluda skambju tal-fehmiet dwar il-finanzjament tal-istrateġija ta' ħruġ mill-pandemija, b'enfasi fuq ir-riżorsi proprji l-ġodda u t-taxxa fuq is-servizzi diġitali. Il-parteċipanti esprimew appoġġ għall-ħolqien ta' riżorsi proprji ġodda fil-baġit tal-UE għall-finanzjament u għall-implimentazzjoni stabbli tal-politiki u tal-oġettivi tal-UE.

Il-kelliema ewlenin tat-tieni suġġetti ddiskutew l-isfidi u l-opportunitajiet marbuta mal-irkupru u mat-tiġdid ekonomiku tal-Ewropa, jiġifieri t-twassil effikaċi ta' fondi għall-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' rkupru NextGenerationEU. Matul id-dibattitu, xi rappreżentanti tal-Istati Membri illustraw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għal NextGenerationEU u ddeskrivew l-istrument bħala opportunità biex jinkisbu l-għanijiet u l-politiki tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, b'enfasi partikolari fuq it-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Dawn id-diskussjonijiet komplew fil-Ġimgħa Parlamentari Ewropea sussegwenti li saret fi Brussell fil-15 u s-16 ta' Marzu 2022.



Poster tal-Ġimgħa Parlamentari Ewropea, 2021
© EU_EP

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-programm għall-Ġimgħa Parlamentari Ewropea, f'format mill-bogħod, sar f'jum wieħed biss, u inkluda wkoll il-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew u l-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE. L-edizzjoni ta' din is-sena enfasizzat aktar fuq l-ekoloġija, biż-żieda tar-raba' laqgħa interparlamentari tal-kumitati organizzata mill-Kumitat ENVI li ffokat fuq it-tibdil fil-klima u r-rwol dejjem aktar prominenti fil-politiki ekonomiċi, baġitarji u soċjali tal-UE;
- L-iskambji fiż-żewġ laqgħat iffokaw fuq l-impatt tal-COVID-19 fuq l-ekonomiji tal-UE u l-istrateġija ta' ħruġ mill-kriżi;
- Il-parteċipazzjoni mill-bogħod u r-rilevanza tas-suġġetti ppermettew aktar parteċipazzjoni ta' kelliema ewlenin ta' livell għoli u ta' aktar parlamentari, li ħafu l-opportunità biex jiddiskutu mar-rappreżentanti ta' livell għoli tal-istituzzjonijiet u ma' partijiet ikkonċernati oħra.

2.2 Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK)

Il-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), li ġiet stabbilita b'deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE fl-2012, hija l-pjattaforma interparlamentari għad-dibattitu dwar il-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE. Il-konferenza, li tiġi organizzata darbtejn fis-sena mill-Parlament tal-Istat Membru tal-UE li jkollu l-Prezidenza tal-Kunsill b'rotazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, jattendu għaliha b'mod regolari parlamentari mill-UE kollha. Barra minn hekk, il-Kumitat AFET tal-Parlament Ewropew ta' spiss jistieden lill-parlamenti nazzjonali għal-laqgħat tiegħu fi Brussell, li jikkomplementaw id-djalogu interparlamentari f'dan il-qasam politiku essenzjali.

Fl-2021, it-18-il sessjoni tal-Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK saret f'Liżbona (it-3 u l-4 ta' Marzu) f'format mill-bogħod u d-19-il sessjoni saret mill-bogħod f'Ljubljana (id-9 ta' Settembru). Id-delegazzjonijiet tal-PE għaż-żewġ laqgħat kienu magħmula minn membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tas-Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tiegħu, u kienu ppreseduti minn David McAllister, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin.

124 parlamentari tal-parlamenti nazzjonali tal-UE attendew għall-Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK f'Liżbona permezz tat-teknoloġija tal-vidjokonferenzi, flimkien ma' delegazzjoni tal-PE b'14-il Membru tal-PE. Il-konferenza attirat kelliema ta' livell għoli u inkludiet skambji produttivi dwar diversi temi relatati mal-affarijiet barranin u mas-sigurtà. Il-Kopresidenti qablu li ma jadottawx konklużjonijiet, u minflok għażlu dikjarazzjoni finali. Il-Konferenza Interparlamentari bdiet b'diskors prinċipali ta' Jens Stoltenberg, Segretarju Ġenerali tan NATO, segwit minn diskussjoni. Il-konferenza wara kienet maqsuma fi tliet sessjonijiet: l-ewwel waħda kellha t-titolu "Niddefendu l-Ewropa: il-Kooperazzjoni UE-NATO u l-Boxxla Strateġika", it-tieni kienet diskussjoni ma' Josep Borrell, Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u t-tielet iffokat fuq strateġija tal-UE aktar komprensiva għall-Afrika.

Fid-dikjarazzjoni finali tagħhom, il-Kopresidenti ssottolinjaw il-fatt li l-pandemija tal-COVID-19 kienet qed tkompli jkollha riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali, politiċi u ġeopolitiċi li kienu jaffettwaw l-aspetti ewlenin tal-PESK u tal-PSDK tal-UE. Qiesu t-tifqigħa globali tal-pandemija tal-COVID-19 bħala punt ta' żvolta fil-livell internazzjonali u katalizzatur tal-bidla fl-ordni globali. Id-dikjarazzjoni saħqet fuq l-importanza fundamentali tar-reżiljenza interna tal-UE, tal-iżvilupp ta' shubbijiet ġodda u tat-tisħiħ tal-viżjoni multilaterali tal-UE fuq skala globali.



David McAllister, President tal-Kumitat tal-PE għall-Affarijiet Barranin, u Eduardo Ferro Rodrigues, President tal-Assemblea tar-Repubblika Portugiża, fil-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, 3-4 ta' Marzu 2021, Liżbona

© Parlamento Portugal

Il-Kopresidenti ssottolinjaw il-ħtieġa li r-risposta tal-UE tiġi adattata malajr għal din ir-realtà ġeopolitika l-għdida u fakkru li l-UE hija s-"sieħba ta' fiduċja" tal-pajjiżi terzi, orjentata lejn il-promozzjoni tad-demokrazija u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali. Stiednu lill-Istati Membri juru rieda politika reali biex ikomplu bl-għanijiet tal-politika estera tal-UE u jiġġieldu kontra t-tentattivi tal-pajjiżi terzi li jifirdu l-UE.

Matul it-tieni nofs tal-2021, 88 parlamentari tal-parlamenti tas-27 Stat Membru tal-UE u tal-Parlament Ewropew, tal-pajjiżi osservaturi u kandidati u 78 membru tal-persunal attendew mill-bogħod **id-19-il Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK** fi Ljubljana. Id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew kienet magħmula minn disa' Membri u ħames membri oħra tal-persunal. Min-ħabba l-pandemija, il-konferenza saret f'format ibridu b'parteċipazzjoni kemm online kif ukoll bil-preżenza fiżika. Din damet jum ta' xogħol sħiħ minflok il-jumejn li normalment ikunu riżervati għal laqgħat bil-preżenza fiżika.

Il-konferenza bdiet b'diskors ta' Borut Pahor, President tas-Slovenja, segwit minn erba' sessjonijiet bit-titolu "Il-prijoritajiet tal-PESK/PSDK": diskussjoni mal-Viċi President/Rappreżentant Għoli Josep Borrell; "Sfidi ġodda, mudelli qodma: ir-rivalutazzjoni tal-politika estera tal-UE f'dinja multipolari"; "It-tisħiħ tas-Sħubija Reġjonali mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent permezz tal-PSDK"; u "L-iżvilupp tal-Kapaċità għall-Protezzjoni Ċivili tal-UE u l-Klawżola ta' Solidarjetà: l-Integrazzjoni tal-Forzi Militari".



Il-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, id-9 ta' Settembru 2021, Ljubljana

© Državni Zbor - Rok TORKAR

Il-parteċipanti nnotaw kif il-pandemija żvelat distakki bejn il-pajjiżi Ewropej f'termini ta' dispożizzjonijiet ekonomiċi u tas-saħħa. Għalhekk, issottolinjaw il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza billi jinħoloq mekkaniżmu tal-ewwel għajnuna u ssir tnejn għal xenarji ta' ġestjoni ta' kriżijiet sabiex ma jkunux imdgħajfa minn kriżi ġdida. Issottolinjaw ukoll il-ħtieġa tal-identifikazzjoni bikrija tat-theddid ċibernetiku. Saħqu li l-UE għandha ssaħħaħ il-multilateraliżmu u l-multipolarità. Fl-istess ħin, l-UE għandha ttipprova ttiproteġi lilha nnifisha filwaqt li tikkontribwixxi għall-paċi globali bħala sieħeb affidabbli, billi t-theddid internazzjonali juri li s-solidarjetà hija verament neċessità.

B'mod ġenerali, il-Presidenzi futuri se jkollhom ikomplu x-xogħol għar-riforma tal-Konferenza Interparlamentari biex id-dibattiti plenarji jsiru aktar interattivi bl-użu tal-proċedura "catch the eye", jinżamm perjodu wieħed fl-aġenda għal dibattitu dwar suġġett ta' attwalità, u jitfassal manwal tal-aħjar prattiki, filwaqt li jiġu inkorporati wkoll karatteristiċi ġodda u jintużaw bħala bażi l-esperjenzi tal-laqqgħat li saru mill-bogħod matul il-pandemija. Billi l-formati mill-bogħod u ibridi mhumiex adatti għall-workshops u għall-avvenimenti paralleli, il-Membri tal-parlamenti nazzjonali u l-Membri tal-Parlament Ewropew ma setgħux ikollhom diskussjonijiet dwar il-politiki mhux vinkolanti, u kien impossibbli li jitkomplew il-kuntatti personali u l-kuntatti mal-gruppi politiċi. Mill-banda l-oħra, matul il-pandemija, id-dikjarazzjoni finali tal-Kopresidenti, li normalment tiġġenera inqas dibattitu, saret l-aktar riżultat importanti kif ukoll il-prova tal-progress fil-ħidma tal-Konferenza Interparlamentari.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet toħloq sfidi organizzattivi għall-iżvolġiment bla intoppi tal-konferenzi interparlamentari. Madankollu, il-faċilitajiet tekniċi ppermettew l-implimentazzjoni ta' suċċess tal-Konferenza Interparlamentari f'format ibridu, billi ffaċilitat il-konnessjoni f'ħin reali bejn il-parlamentari u l-uffiċjali tal-parlamenti nazzjonali f'format mill-bogħod u l-President u l-Membri li kienu fiżikament preżenti fis-sala tal-laqqgħat.
- Barra minn hekk, ġiet stabbilita l-Kopresidenza għal meta ż-żewġ Kopresidenti kienu jinsabu f'żewġ postijiet differenti, b'servizz ta' interpretazzjoni f'ħin reali.
- Il-Konferenza Interparlamentari nrexxielha tibqa' waħda mill-avvenimenti interparlamentari tal-Presidenza b'rotazzjoni.

3. SORVELJANZA INTERPARLAMENTARI FL-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

3.1 Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġjunt dwar il-Europol

JPSG on EUROPOL

L-Artikolu 88 tat-TFUE jippermetti lill-parlamenti nazzjonali biex għall-ewwel darba jikkontrollaw flimkien mal-Parlament Ewropew aġenzija tal-UE li topera fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Abbażi tar-Regolament tal-Europol², fl-2017 ġie stabbilit il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġjunt (JPSG) dwar il-Europol biex jiżgura li l-Europol tkun kompletament responsabbli u trasparenti. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-JPSG huma deskritti fl-Artikolu 51 [tar-Regolament tal-Europol](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32016R0794) (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:32016R0794>), li jiddefinixxi r-rwol tiegħu fil-monitoraġġ politiku tal-attivitajiet tal-Europol b'enfasi partikolari fuq l-impatt ta' dawk l-attivitajiet fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi.

Il-JPSG huwa struttura istituzzjonali innovattiva stabbilit għall-iskrutinju parlamentari u jorganizza żewġ laqgħat fis-sena: fl-ewwel nofs tas-sena, fil-parlament tal-pajjiż li jkun qed jeżerċita l-presidenza tal-Kunsill tal-UE b'rotazzjoni, u fit-tieni nofs tas-sena, fil-Parlament Ewropew.

Għat-tieni sena konsekuttiva, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-laqgħat tal-JPSG saru permezz ta' vidjokonferenza. L-organizzaturi indirizzaw b'suċċess l-isfidi prattiċi inerenti u bnew fuq l-esperjenzi reċenti tagħhom b'dan il-format ġdid, li wassal għal laqgħat vivaċi u b'livell tajjeb ta' attendenza. Dawk l-isforzi żguraw il-funzjonament tajjeb u kontinwu tal-JPSG u taw lill-membri kollha tal-JPSG il-possibbiltà li jipparteċipaw bis-siġħ fil-ħidma tiegħu. Minkejja l-format aktar kumpatt, setgħu jiġu garantiti l-istruttura tradizzjonali tal-laqgħa, il-ħin tad-dibattitu u l-parteċipazzjoni ta' kelliema ta' livell għoli.

It-**tmien laqgħa** tal-JPSG ġiet koorganizzata mill-Parlament Portugiż fl-1 u t-2 ta' Frar 2021, permezz ta' vidjokonferenza. Din il-laqgħa online mill-bogħod kienet kopreseduta mill-Parlament Ewropew minn Brussell u mill-Parlament Portugiż minn Liżbona.

Id-Direttriċi Eżekuttiva tal-Europol, Catherine De Bolle, infurmat lid-delegati bl-attivitajiet tal-Europol bejn Settembru 2020 u Frar 2021. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, Wojciech Wiewiórowski, ippreżenta l-aħħar żviluppi u konklużjonijiet rigward l-obbligi ta' protezzjoni tad-data tal-Europol. L-ewwel dibattitu tematiku ffoka fuq il-kriminalità u r-reżiljenza diġitali, li hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni f'Europa diġitali u konnessa u kwistjoni kruċjali kemm għall-parlamenti kif ukoll għas-soċjetajiet.

L-enfasi tat-tieni parti tal-laqgħa kienet ir-reviżjoni tar-Regolament tal-Europol u t-tiġid tal-mandat tal-Europol, b'dikjarazzjonijiet minn kelliema ta' livell għoli fosthom Ylva Johansson, il-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni, u Eduardo Cabrita, il-Ministru Portugiż għall-Intern u President tal-Kunsill Affarijiet Interni tal-UE. Il-grupp ta' esperti ġie segwit minn dibattitu tematiku bit-titolu "L-impatt tal-COVID-19 fuq is-sigurtà interna tal-UE – ir-rwol tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi".

² Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol).

L-aktar żvilupp proċedurali notevoli kien l-estensjoni tal-mandat tal-Grupp ta' Ħidma tal-JPSG dwar kwistjonijiet pendenti soġġetti għal reviżjoni ulterjuri possibbli fir-Regoli ta' Proċedura tal-JPSG. Minħabba l-format online u r-restrizzjonijiet temporali relatati, kien hemm kontributi bil-miktub mill-President tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol u l-President tal-Bord ta' Kooperazzjoni tal-Europol, li hađu post l-interventi regolari tagħhom.

Id-**disa' laqgħa** tal-JPSG ġiet organizzata mill-Parlament Ewropew fi Brussell fil-25 u s-26 ta' Ottubru 2021, u saret mill-bogħod minħabba l-pandemija. Din ġiet kopreseduta mill-Parlament Sloven bħala parti mid-dimensjoni parlamentari tal-Presidenza Slovena.

Bi qbil mal-prassi normali, l-aġenda inkludiet preżentazzjonijiet tad-Direttriċi Eżekuttiva tal-Europol u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Id-diskorsi ewlenin saru mill-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni u minn Aleš Hojs, il-Ministru tas-Slovenja għall-Intern.

Id-dibattiti tematiċi, bil-parteciġazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u ta' esperti ta' livell għoli mill-awtoritajiet nazzjonali, indirizzaw suġġetti bħall-kriminalità finanzjarja, il-korruzzjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. It-tieni suġġett ewleni li għie diskuss kien jikkonċerna l-kooperazzjoni fil-għieda kontra l-abbuż tat-tfal online, inkluża l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, individwi u NGOs.

Flimkien max-xogħol ta' skrutinju tiegħu, il-JPSG kompli jiddiskuti kwistjonijiet proċedurali dwar temi pendenti. L-aħħar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tiegħu ġew adottati b'kunsens u daħlu fis-seħħ fis-26 ta' Ottubru 2021. Dawn l-aħħar bidliet ikkonċernaw l-osservatur tal-JPSG fil-laqgħat tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol u l-klawżola ta' reviżjoni.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- L-iżgurar tal-kontinwità tal-attivitajiet tal-JPSG dwar il-Europol: il-JPSG stabbilixxa lilu nnifsu fl-2021 bħala sieħeb eżiġenti u involut li ħa l-impenn li jappoġġa l-missjoni tal-aġenzija favur infurzar tal-liġi sod u li jipproteġi liċ-ċittadini u lis-soċjetajiet, b'mod speċjali fi żmien ta' kriminalità organizzata, korruzzjoni u estremiżmu, li saru aktar gravi minħabba l-pandemija. Id-delegati ppromovew it-tiżiħ tal-mandat tal-Europol u ż-żieda tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji għall-ġustizzja u l-affarijiet interni bbażata fuq l-istat tad-dritt.
- L-adattament tal-aġenda biex jiġu riflessi l-aħħar żviluppi (il-pandemija, ir-reviżjoni tar-Regolament tal-Europol); it-tfassil ta' formati xierqa għal skambji u laqgħat mill-bogħod u l-iżgurar tas-segwitu xieraq.
- Il-JPSG adotta r-Regoli ta' Proċedura riveduti tiegħu.



Juan Fernando López Aguilar, Kopresident tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol u l-President tal-Kumitat tal-PE għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, u Robert Tekavec, Kap tat-Taqsima tal-Kriminalità tal-Minorenni, Diviżjoni tal-Kriminalità Ġenerali, id-Direttorat tal-Pulizija Kriminali, is-Slovenja, waqt id-disa' laqgħa tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol

© I-Unjoni Ewropea 2021 - Eric VIDAL

3.2 Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-evalwazzjoni tal-Eurojust

Sa mill-ħolqien tagħha fl-2002, il-Eurojust saret attur ċentrali fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. F'konformità mal-Artikolu 85 tat-TFUE, ir-regolamenti tal-UE li jirregolaw il-Eurojust iridu wkoll "jiddeterminaw [...] l-arranġamenti ta' assoċjazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali fil-valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Eurojust". Fl-2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw [Regolament dwar il-Eurojust](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32018R1727) (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32018R1727>)³ bil-ħsieb li jagħtu qafas ġuridiku uniku u mġedded għal Aġenzija ġdida żviluppata bis-sħiħ għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust).

Sabiex tiżdied it-trasparenza u s-sorveljanza demokratika tal-Eurojust, ir-regolament jipprovdi mekkaniżmu għall-evalwazzjoni konġunta tal-attivitajiet tal-Eurojust mill-Parlament Ewropew u mill-parlamenti nazzjonali tal-UE⁴. L-evalwazzjoni għandha ssir fil-qafas ta' Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati (organizzata mill-Parlament Ewropew fil-bini tagħha fi Brussell, bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali tal-UE.

L-ewwel Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust ġiet organizzata fl-1 ta' Diċembru 2020 fil-Parlament Ewropew fi Brussell mill-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew, f'kooperazzjoni mal-Parlament Ġermaniż.

Għal raġunijiet loġistiċi, it-tieni Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati annwali, li kellha ssir fi tmiem l-2021, kellha tiġi posposta bi fteit ġimgħat iżda fl-aħħar saret fl-1 ta' Frar 2022. Hemm interess ċar kemm min-naħa tal-Parlament Ewropew kif ukoll tal-parlamenti nazzjonali li jitkompla dan l-eżerċizzju annwali, li jista' jitwessa' fil-futur, possibbilment f'format separat, biex jinkludi s-sorveljanza tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew li għadu kif inħoloq.

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1727 jittratta dawk l-arranġamenti fil-punt 62 tal-preambolu tiegħu u fl-Artikolu 67.

4. LAQGĦAT INTERPARLAMENTARI TAL-KUMITATI U KOOPERAZZJONI INTERPARLAMENTARI OĦRA

4.1 Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati

Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati huma t-tip standard ta' laqgħat organizzati mill-Parlament Ewropew għal skambji speċifiċi bejn il-kumitati settorjali dwar kwistjonijiet leġiżlattivi u politiċi ewlenin fl-ambitu tal-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll 1 tat-Trattati. Il-kalendarju tal-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati jintbagħat mill-President tal-Parlament Ewropew lill-Presidenti tal-parlamenti nazzjonali kollha kull semestru.

Il-kumitati tal-Parlament Ewropew jorganizzaw sa 20 Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati fis-sena, u jistiednu lill-kumitati korrispondenti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE jinvolve ruħhom f'dibattiti mmirati. Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati wrew li huma mod siewi għall-Membri tal-Parlament Ewropew biex jaqsmu fehmiet mal-kontropartijiet nazzjonali tagħhom. Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati mhumiex biss forum għall-iskambju dwar kwistjonijiet leġiżlattivi, u b'hekk jikkontribwixxu għal tfassil aħjar tal-liġijiet, iżda huma wkoll pjattaforma li fiha jiġu diskussi kwistjonijiet politiċi ta' interess komuni u biex isiru laqgħat mal-Kummissarji u mar-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati huma koorganizzati fuq l-inizjattiva ta' kumitat wieħed jew aktar tal-Parlament Ewropew bl-appoġġ tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali.

Fl-2021, 15-il Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati ġew koorganizzati minn 12-il kumitat parlamentari differenti^{5,6}, li jipprevedu dibattiti bejn 841 Membru tal-parlamenti nazzjonali u 307 Membri tal-Parlament Ewropew. Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati kollha fl-2021 saru f'format ibridu f'konformità mar-restrizzjonijiet sanitarji implimentati mill-Parlament Ewropew b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19. Uħud mill-Membri tal-PE u l-kelliema ngħaqdu mill-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell, filwaqt li l-Membri tal-parlamenti nazzjonali u l-maġġoranza tal-kelliema mistednin ipparteċipaw online.

Erba' Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati ġew organizzati mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij (ECON), mill-Kumitat għall-Baġits (BUDG), mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) u mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) fil-qafas tal-**Ġimgħa Parlamentari Ewropea fit-22 ta' Frar**⁷.

Il-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati tal-**Kumitat FEMM** bit-titolu "Aħna b'saħħitna: in-nisa fuq quddiem tal-ġlieda kontra l-COVID-19", li ċelebrat ukoll il-**Jum Internazzjonali tal-Mara**, saret online fil-Parlament Ewropew fi Brussell fl-**4 ta' Marzu**. Ġie diskuss kif il-pandemija tal-COVID-19 kienet enfasizzata il-ħtieġa tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa sabiex jinbnew soċjetajiet reżiljenti, jittejjbu l-istandards tal-impjieg, is-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet għan-nisa kollha, b'mod speċjali f'setturi ddominati min-nisa u – b'mod aktar ġenerali – kif għandha ssir ir-riforma tal-mudelli fil-provvista tal-kura u l-valur tax-xogħol, inkluż ix-xogħol tal-kura mingħajr ħlas. Fl-istess ħin, il-parteċipanti qiesu kif il-proċess deċiżjonali għall-attwazzjoni u għat-tneħħija tal-

⁵ Kalendarju tal-attivitajiet interparlamentari mal-parlamenti nazzjonali għall-2021: [l-ewwel semestru](https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/235467/Calendar%201st%20semester%202021_rev07.pdf) (https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/235467/Calendar%201st%20semester%202021_rev07.pdf)

⁶ Kalendarju tal-attivitajiet interparlamentari mal-parlamenti nazzjonali għall-2021: [it-tieni semestru](https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/242828/Revised%20Calendar%202nd%20semester%202021_25.11%20.pdf) (https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/242828/Revised%20Calendar%202nd%20semester%202021_25.11%20.pdf)

⁷ Aktar informazzjoni dwar il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea hija disponibbli fil-Kapitolu 2.1.

miżuri tal-kriżi u matul l-istadji kollha fit-tfassil, fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru wrew il-ħtieġa tar-rappreżentanza ugwali bejn in-nisa u l-irġiel f'pożizzjonijiet ta' tmexxija.

Il-Laqqgħa Interparlamentari tal-Kumitati organizzata mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (**AFCO**) dwar ir-riforma tal-liġi elettorali Ewropea u dwar id-dritt ta' inkjesta tal-Parlament saret fit-**22 ta' Ġunju** mill-bogħod mill-Parlament Ewropew fi Brussell. Il-kelliema mistiedna Věra Jourová, Viċi President tal-Kummissjoni għall-Valuri u t-Trasparenza, fittxet li tenfasizza li l-Kummissjoni kienet qed issegwi mill-qrib l-iżviluppi f'dan il-fajl.

Il-Kumitat Speċjali għall-Ġlieda kontra l-Kanċer (**BECA**) stieden lill-Membri tal-parlamenti nazzjonali jattendu laqgħa interparlamentari tal-kumitati permezz ta' vidjokonferenza bit-titolu "Inbiddu s-sitwazzjoni tal-kanċer: il-fehma tal-parlamenti nazzjonali dwar il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer" fis-**27 ta' Settembru**. Il-laqgħa serviet ta' forum adegwat għad-dibattitu dwar l-abbozz ta' rapport tal-kumitat u l-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer.

Fit-**8 ta' Novembru**, il-Kumitat Speċjali għall-Intelliġenza Artifiċjali f'Era Diġitali (**AIDA**) organizza laqgħa interparlamentari tal-kumitati mill-bogħod mill-Parlament Ewropew fi Brussell. Il-laqgħa, bit-titolu "L-Intelliġenza Artifiċjali u d-Deċennju Diġitali", infetħet minn Dita Charanzová, Viċi President tal-PE.



Dita Charanzová, Viċi President tal-PE, fil-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati tal-Kumitat AIDA "L-Intelliġenza Artifiċjali u d-Deċennju Diġitali", 8 ta' Novembru 2021

© L-Unjoni Ewropea 2021 - Alain ROLLAND

Fid-**9 ta' Novembru**, saret Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati organizzata mill-Kumitat **AFCO** biex jiġu diskussi l-aspettattivi tal-parlamenti nazzjonali għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Matul il-laqgħa, il-Membri tal-PE, il-Membri tal-parlamenti nazzjonali u t-tliet Kopresidenti tal-Bord Eżekuttiv tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ddiskutew perkorsi futuri potenzjali għall-Konferenza.

Il-Kumitat Speċjali għall-Indħil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni (**INGE**) stieden lill-Membri tal-parlamenti nazzjonali jattendu laqgħa interparlamentari tal-kumitati permezz ta' vidjokonferenza fil-Parlament Ewropew fi Brussell fid-**9 ta' Novembru**. L-ewwel grupp ta' esperti għad-diskussjoni, bit-titolu "Indħil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi fl-UE", infetaħ minn Stefano Sannino, Segretarju Ġenerali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.



Raphaël Glucksmann, President tal-Kumitat Speċjali tal-PE għall-Indħil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni (INGE), u Stefano Sannino, Segretarju Ġenerali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fil-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitat organizzata mill-Kumitat INGE "Indħil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi fl-UE", 9 ta' Novembru 2021

© L-Unjoni Ewropea 2021 - Philippe BUISSIN

Fit-**18 ta' Novembru**, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (**AGRI**) organizza laqgħa interparlamentari tal-kumitati dwar l-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) f'kull Stat Membru. Għal darb'oħra, minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 fis-seħħ dak iż-żmien, il-laqgħa saret fil-Parlament Ewropew fi Brussell u mill-bogħod permezz ta' vidjokonferenza.



Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi għall-PAK f'kull Stat Membru, 18 ta' Novembru 2021

© L-Unjoni Ewropea 2021 - Alexix HAULOT

Laqgħa interparlamentari tal-kumitati oħra organizzata mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (**FEMM**) saret fit-**30 ta' Novembru** fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa (25 ta' Novembru), u inkludiet is-sessjonijiet li ġejjin: il-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra (flimkien mas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem [DROI]); il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet b'diżabbiltà; il-vjolenza ċibernetika (flimkien mal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern [LIBE]); u l-Konvenzjoni ta' Istanbul (flimkien mal-Kumitat LIBE). Il-professionisti minn diversi kuntesti taw preżentazzjonijiet dwar l-oqsma ta' għarfien espert rispettivi tagħhom. Il-kontributi mill-Membri tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew ikkontribwew għal skambji vivaċi ta' fehmiet. Il-laqgħa interparlamentari tal-kumitati ngħalqet b'diskors ta' Roberta Metsola, l-Ewwel Viċi President tal-PE.



Evelyn Regner, President tal-Kumitat tal-PE għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, Juan Fernando López Aguilar, President tal-Kumitat tal-PE għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, u Roberta Metsola, l-Ewwel Viċi President tal-PE, fil-Laqqgħa tal-Kumitat Interparlamentari organizzata mill-Kumitat FEMM "L-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa", it-30 ta' Novembru 2021

© L-Unjoni Ewropea 2021 - Philippe BUISSIN

Fid-**9 ta' Diċembru**, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) koorganizza laqqgħa interparlamentari tal-kumitati dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE. Il-laqqgħa ġiet maqsuma f'żewġ gruppi ta' esperti: wieħed iddedikat għal skambju ta' fehmiet dwar ir-Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt mill-Kummissjoni għall-2021, u ieħor intitolat "The way forward on the Mechanism on Democracy, Rule of Law and Fundamental Rights" (It-triq 'il quddiem għall-Mekkaniżmu dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali).

Il-parteċipazzjoni tal-Membri tal-parlamenti nazzjonali fil-laqqgħat interparlamentari tal-kumitati żdiedet b'mod konsiderevoli b'madwar 170 % – minn 302 parlamentari fl-2020 għal 816 fl-2021. Kien hemm żieda sostanzjali wkoll (+ 64 %) fil-parteċipazzjoni fost il-Membri tal-Parlament Ewropew – minn 207 fl-2020 għal 340 fl-2021.

It-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19 kompliet taċċelera aktar l-użu tal-għodod diġitali. Jidher li l-qabża sinifikanti fil-parteċipazzjoni tal-Membri kemm tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll tal-Parlament Ewropew ġiet iffaċilitata l-aktar mill-opportunità ta' parteċipazzjoni fil-laqqgħat mill-bogħod mingħajr hteieġa ta' vvjaġġar.

Il-laqqgħat mill-bogħod, inkużi l-laqqgħat interparlamentari tal-kumitati, għandhom għadd ta' vantaġġi: m'hemmx bżonn li dak li jkun jivvjaġġa, huma disponibbli aktar kelliema u aktar parteċipanti, inklużi parteċipanti ta' livell għoli, li jfisser impronta tal-karbonju aktar baxxa, u spiss huwa aktar effikaċi f'termini ta' kostijiet u effiċjenti fil-ħin li jsiru laqqgħat għal dawk kollha kkonċernati.

Min-naħa l-oħra, hemm ħafna inqas interazzjoni bejn il-Membri, id-dibattiti u l-iskambji jsiru inqas vivaċi u aktar diffiċli, u hemm nuqqas ta' diskussjonijiet informali, laqqgħat bilaterali in situ u possibbiltajiet ta' networking mingħajr waqfiet għall-kafè, ikliet ta' filgħaxija jew ta' nofsinhar. Il-laqqgħat interparlamentari tal-kumitati huma wkoll iqsar billi s-swali tal-laqqgħat għandhom jiġu diżinfettati għal finijiet sanitari, filwaqt li ma tistax tiġi dejjem garantita l-interpretazzjoni kompluta.

Lista tal-laqqgħat interparlamentari tal-kumitati organizzati mill-kumitati tal-Parlament Ewropew fl-2021 u statistika aktar dettaljata jistgħu jinstabu fl-Anness II.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Waħda mill-ispjegazzjonijiet possibbli għan-numru kbir ta' laqqgħat interparlamentari tal-kumitati fl-2021 hija l-posponiment ta' bosta laqqgħat mill-2020. Barra minn hekk, il-mandat ta' bosta kumitati temporanji kien wasal biex jintemm.
- Il-parteċipazzjoni tal-Membri tal-parlamenti nazzjonali fil-laqqgħat interparlamentari tal-kumitati żdiedet b'170 % meta mqabbel mal-2020, x'aktarx minħabba l-parteċipazzjoni mill-bogħod.

- Il-laqgħat interparlamentari tal-kumitati kollha saru f'format ibridu, u wħud mill-Membri tal-Parlament Ewropew ħadu sehem b'mod fiżiku fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell u oħrajn mill-bogħod, flimkien mal-kontropartijiet tagħhom mill-parlamenti nazzjonali.

4.2 Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

Il-movimenti tar-rifuġjati u l-migrazzjoni jinsabu fiċ-ċentru tal-attenzjoni globali, u bdew jitqiesu bħala waħda mill-isfidi ewlenin li għandha quddiemha l-UE f'dawn l-aħħar snin. Il-wasla kontinwa tal-migranti u ta' dawk li jfittxu l-ażil fl-UE kixfet sensiela ta' nuqqasijiet u lakuni fil-politiki tal-UE dwar l-ażil, il-fruntieri esterni u l-migrazzjoni. Imniedi fl-2020 mill-parlamenti mit-Triju ta' Presidenza Ġermaniża, Portugiża u Slovena, iċ-ċiklu tal-Konferenzi Interparlamentari ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil fl-Ewropa serva biex irawwem id-diskussjonijiet parlamentari u jippromwovi djalogu wiesa' dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni. Dawn il-konferenzi rrikonoxxew ir-rwol importanti tal-parlamenti f'dan il-qasam u l-ħtieġa ta' perfezzjonament tal-ideat komuni sabiex jagħtu soluzzjonijiet solidi u dejjiema għall-isfidi migratorji, li ġew aggravati mill-pandemija.

Fl-2021 saru żewġ Konferenzi ta' Livell Għoli, f'kooperazzjoni mal-parlamenti tal-Presidenti rispettivi.

Fuq il-bażi tal-Programm ta' Ħidma tagħhom tat-18 ta' Ġunju 2020 u d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-Parlamenti tal-Ġermanja, tal-Portugall u tas-Slovenja fid-29 ta' Ġunju 2020, it-Triju ta' Parlamenti nieda inizjattiva biex isiru tliet Konferenzi Interparlamentari ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jiġu organizzati mill-Parlament Ewropew fi Brussell f'kooperazzjoni mal-parlamenti tal-Presidenti rispettivi.

L-għan ta' dawn il-konferenzi kien li jiġġeneraw diskussjoni wiesgħa fost il-parlamentari dwar il-proposti tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil, jippromwovu fehim tal-pożizzjonijiet rispettivi dwar dawn il-kwistjonijiet bil-ħsieb li tiġi żviluppata politika tal-UE komuni dwar il-migrazzjoni u l-ażil, u jingħata kontribut lin-negożjati rilevanti tal-Kunsill.

It-tieni Konferenza ta' Livell Għoli saret fl-14 ta' Ġunju 2021 fil-Parlament Ewropew fi Brussell (vidjokonferenza b'parteċipazzjoni mill-bogħod), taħt l-awspiċċi konġunti tal-Parlament Ewropew u tal-Parlament Portugiż u f'kooperazzjoni maż-żewġ parlamenti l-oħra fit-Triju ta' Presidenza (il-Ġermanja u s-Slovenja).

Għall-konferenza attendew attivament 155 Membru tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali, kif ukoll uffiċjali u diversi kumitati u sottokumitati tal-PE (DEVE, AFET, DROI, LIBE). Kien hemm enfasi partikolari fuq id-dimensjoni esterna tal-politiki dwar l-ażil u l-migrazzjoni: il-bini ta' sħubijiet komprensivi mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, l-indirizzar tal-kawżi profondi tal-migrazzjoni u l-promozzjoni ta' kuntest soċjoekonomiku stabbli fil-pajjiżi terzi.

Id-diskussjonijiet iffokaw ukoll fuq l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-politiki dwar il-migrazzjoni u l-ażil u d-dimensjoni esterna tagħhom. Fost il-parteċipanti spikkaw António Vitorino, Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, Branko Grims, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Interni tal-Assemblea Nazzjonali Slovena, Eduardo Cabrita, Ministru Portugiż għall-Intern (li intervjena f'isem il-Prezidenza Portugiża tal-Kunsill) u Detlef Seif, Membru tal-Bundestag Ġermaniż.

It-tielet edizzjoni tal-Konferenza saret mill-bogħod fl-10 ta' Diċembru 2021 mill-Parlament Ewropew fi Brussell. Għal-laqgħa attendew madwar 70 Membru tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali, fosthom Margaritis Schinas, Viċi President tal-Kummissjoni, id-Dott. Stanislav Raščan, Segretarju tal-Istat tal-Ministeru Sloven għall-Affarijiet Barranin, Isabel Meirelles, Membru tal-Assemblea tar-Repubblika Portugiża, Fabrice Leggeri, Direttur Eżekuttiv tal-Frontex, Evelien van Roemburg, Kap tal-Uffiċċju tal-UE ta' Oxfam, f'isem CONCORD (Konfederazzjoni Ewropea tal-NGOs

għall-Għajnuna u l-Iżvilupp), Nina Gregori, Direttriċi Eżekuttiva tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, u Catherine Woollard, Direttriċi tal-Kunsill Ewropew għar-Rifuġjati u l-Eżiljati.

Il-konferenza ġiet maqsuma f'żewġ sessjonijiet: waħda dwar il-kooperazzjoni multidimensjonali fil-bini ta' sħubijiet speċifiċi tal-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi, u oħra dwar id-dimensjoni interna tal-migrazzjoni u l-ażil fl-UE sena wara l-proposta tal-Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.



It-tielet Konferenza Interparlamentari ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

© L-Unjoni Ewropea 2021 - Alexis HAULOT

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Inkiseb l-għan ta' dawn il-Konferenzi ta' Livell Għoli – li jstimulaw diskussjoni interparlamentari dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni. Id-dibattiti tqiesu li daħlu ħafna fil-fond, u diversi partijiet ikkonċernati taw stampa olistika dwar is-suġġett. Din is-sena, żewġ konferenzi għalqu ċ-ċiklu li nbeda mit-Triju ta' parlamenti fl-2020.
- Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-avvenimenti saru mill-bogħod mill-Parlament Ewropew fi Brussell u mill-parlamenti tal-Prezidenzi koorganizzaturi.

4.3 Kooperazzjoni interparlamentari fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE u assemblej parlamentari multilaterali

Barra mill-għarfien espert konsolidat żviluppat permezz tal-kooperazzjoni bbażata fuq il-kumitati, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali regolament ta appoġġ ad hoc u ffaċilita r-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali tal-UE fl-azzjoni esterna tal-UE għall-finijiet ta' avvenimenti multilaterali speċifiċi. Matul is-snin, dan l-appoġġ inkluda l-Ġimgħa tal-Ukrajna, l-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran u d-dimensjoni parlamentari tas-Summits tal-G7. Fl-2021, id-Direttorat intensifika l-ħidma tiegħu fuq oqfsa strutturali għall-kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali dwar l-attivitajiet u l-avvenimenti mhux ibbażati fuq il-kumitati f'diversi oqfsa tal-azzjoni esterna tal-UE. Ġew organizzati inizjattivi speċifiċi f'kooperazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni (DG EXPO) tal-PE f'oqfsa li jinkludu d-drittijiet fundamentali u d-demokrazija, id-diplomazija parlamentari, il-governanza demokratika u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, il-medjazzjoni, il-fora multilaterali u l-osservazzjoni elettoral. Dawn l-attivitajiet twettqu f'kooperazzjoni mill-qrib mad-DG EXPO u mad-Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku tal-PE (DG ITEC).

Matul dawn l-aħħar snin, il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-UE intensifikaw l-iskambji tagħhom dwar l-azzjoni esterna tal-UE, f'termini kemm ta' frekwenza kif ukoll ta' varjetà. Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali kkontribwew għall-parteċipazzjoni tar-

rappreżentanti istituzzjonali tal-PE f'diversi avvenimenti b'hal dawn, inklużi l-Ġimgħa tal-Ukrajna (2016), l-10 Laqgħa tas-Sħubija Parlamentari Asja-Ewropa (ASEP 10, 2018), id-dimensjoni parlamentari tas-Summit tal-G7 (2019) u l-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (2019). Dawn l-esperjenzi wasslu lid-Direttorat biex jirrifletti dwar il-possibbiltà ta' kooperazzjoni aktar strutturata u kontinwa bejn il-korpi kompetenti tal-PE u l-kontropartijiet tagħhom fil-parlamenti nazzjonali.

Dan l-eżerċizzju jikkonsisti fl-użu tas-sorsi ta' informazzjoni u l-iskambji fin-networks interparlamentari⁸ bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati djalogi regolari u reċiprokament vantaġġu bejn il-persunal u l-koordinament volontarju f'diversi oqsma ta' attivitajiet fl-azzjoni esterna tal-UE f'sens wiesa'. Dan jiffoka fuq l-attivitajiet lil hinn mill-kumitati, prinċipalment id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija, il-fora multilaterali, id-diplomazija parlamentari u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet.

Żewġ vidjokonferenzi mlaqqa' mid-DĠ EXPO tal-PE – waħda li saret b'mod konġunt għall-kollegi tal-parlamenti nazzjonali fit-22 ta' Settembru 2020 dwar is-sostenn għad-demokrazija u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet u sessjoni ta' "Taħdita ta' Nhar ta' Ġimgħa" fit-30 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "National Parliaments – Partners, not Rivals" (Il-Parlamenti Nazzjonali – Sħab, mhux Rivali) – urew kif il-konsolidament tal-oqfsa strutturati ta' kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali fil-qasam tal-politiki esterni jista' jkun sforz utli u xieraq.

Fil-kuntest tal-Presidenza tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran tal-PE, fl-2021 id-Direttorat organizza u ffaċilita għadd ta' laqgħat li involvew il-kollegi tagħna tas-Segretarjat tal-PE tal-Assemblea Parlamentari u r-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni u d-diskussjoni dwar inizjattivi fir-rigward tal-prijoritajiet politiċi u tal-proċeduri amministrattivi.

Fid-diversi laqgħat u konferenzi interparlamentari multilaterali, laqgħat tal-COSAC u konferenzi oħra sponsorizzati mill-parlamenti tal-Presidenza fl-2021 saru dibattiti interessanti dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi Afrikani, is-sitwazzjonijiet fil-Belarussja, fl-Ukrajna u fir-Russja u r-rwol u l-azzjonijiet tal-UE fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit u l-Balkani tal-Punent kienu wkoll suġġett regolari ta' diskussjoni, fatt li juri għal darb'oħra l-ħtieġa u l-valur miżjud potenzjali ta' forom ġodda ta' skambji interparlamentari regolari f'dan il-qasam.

Fl-2021, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali, f'kooperazzjoni mad-DĠ EXPO u mad-DĠ ITEC, qawwa l-isforzi tiegħu bil-ħsieb li jniedi Network EP-NP dwar is-Sostenn għad-Demokrazija, id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tiżiħ tal-Kapaċitajiet u s-sottotaqsima ddedikata għall-verżjoni 3 l-ġdida tal-IPEX.

Fid-dawl tal-interess reċiproku kemm għall-PE kif ukoll għall-parlamenti nazzjonali u l-konvinzjoni komuni tagħhom fil-benefiċċji tal-kooperazzjoni u tal-iskambji regolari, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali, sponsorizzat mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Presidenza tal-PE, ippromwova proġett strateġiku għall-istabbiliment u għall-konsolidament ta' forom imsaħħa ta' skambju u koordinament bejn il-membri tal-amministrazzjoni tal-PE u s-servizzi korrispondenti fl-amministrazzjonijiet tal-parlamenti nazzjonali fuq kwistjonijiet partikolari u avvenimenti multilaterali. Din il-kooperazzjoni msaħħa se titmexxa 'l quddiem bejn l-2022 u l-2024 u se tipproma tisfrutta l-possibbiltajiet offruti mid-diversi pjattaformi ta' skambju mal-parlamenti nazzjonali (IPEX u n-network tar-rappreżentanti tal-Parlament).

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Stabbiliment ta' ġabra konġunta ta' għanijiet għad-DĠ EXPO u għad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali għat-tnedija ta' objettiv strateġiku għall-perjodu 2022-2024 fl-ambitu tal-kooperazzjoni interparlamentari mal-parlamenti nazzjonali dwar attivitajiet u avvenimenti addizzjonali għall-ħidma tal-kumitati.

⁸ Ara wkoll il-kontribut dwar l-IPEX jiġifieri dwar l-iżvilupp tat-taqsima DSN fl-IPEX V3.

- It-tlestija ta' network strutturat u ta' komunikazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tal-PE u l-parlamenti nazzjonali dwar is-sostenn għad-demokrazija, biex jiżdiedu l-impatt u l-effiċjenza tad-diplomazija parlamentari, speċjalment fil-viċinat immedjat tagħna fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, tas-Sħubija tal-Lvant u saħansitra fl-Afrika. It-tlestija ta' taqsima ddedikata għal dan fl-IPEX V3.

4.4 Żjarat bilaterali u skambji bilaterali oħra

Iż-żjarat bilaterali min-naħa tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew huma strument u format f'evoluzzjoni kostanti għad-djalogu interparlamentari. Dan il-format huwa mmirat ħafna, imfassal apposta, flessibbli, u effiċjenti f'termini ta' kostijiet u ħin. Jippermetti li jsiru diskussjonijiet dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw lill-parlamenti nazzjonali individwali.

Barra minn hekk, skambji ta' fehmiet oħra fil-livell bilaterali jistgħu jkunu forma utli ta' kooperazzjoni interparlamentari fuq skala żgħira meta l-parlamentari jkollhom bżonn jibdeu kollaborazzjoni, jikkonċentraw fuq suġġetti speċifiċi, jew japprofondixxu l-kollaborazzjoni f'oqasma konkreti ta' interess reċiproku.

Iż-żjarat bilaterali tradizzjonalment huma forma importanti ta' kooperazzjoni interparlamentari. Il-laqgħat isiru f'diversi livelli u f'diversi formati, mid-diskussjonijiet politiċi tal-ogħla livell għaż-żjarat ta' studju fil-livell tal-persunal tekniku.

Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 u r-regoli fis-seħħ fil-Parlament Ewropew, ma ntlagħgħet l-ebda delegazzjoni u l-ebda żjara fl-2021. Madankollu, saru għadd ta' skambji mill-bogħod bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali.

L-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola, aċċettat stedinet minn diversi Presidenti tal-COSAC u l-kumitati tagħhom biex torganizza numru ta' skambji u żjarat. Wieħed minn dawn l-iskambji sar permezz ta' vidjokonferenza mal-President Kroat tal-COSAC u l-Kumitat għall-Affarijiet tal-UE fil-Parlament Kroat f'April 2021. Sa fejn ippermettiet is-sitwazzjoni epidemjoloġika, l-Ewwel Viċi President Metsola aċċettat stedinet mill-Presidenti tal-COSAC tal-Parlament Litwan, Estonjan u Sloven biex iżżur il-Parlamenti u l-Kmamar tagħhom, fejn skambjat fehmiet mal-presidenti u mal-kumitati għall-affarijiet tal-UE tagħhom. L-aħħar żjara tal-Ewwel Viċi President fl-2021 saret fis-Senat Pollakk.

Lista ta' żjarat u skambji bilaterali tista' tinstab fl-Anness III.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika u r-regoli fis-seħħ fil-Parlament Ewropew, ma kien hemm l-ebda żjara bilaterali mill-parlamenti nazzjonali tal-UE fil-bini tal-Parlament Ewropew.
- Il-format prinċipali tal-iskambji bilaterali fl-2021 kien il-vidjokonferenzi. Din l-għodda hija mistennija li tibqa' metodu ta' komunikazzjoni importanti għal skambji bilaterali diretti u mmirati fil-futur.
- Il-Parlament Ewropew intensifika r-relazzjonijiet tiegħu mal-parlamenti nazzjonali, billi organizza skambji formali u informali bejn il-Viċi President tiegħu responsabbli għar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali u għall-COSAC, u diversi Presidenti tal-COSAC u l-kumitati għall-affarijiet tal-UE rispettivi tagħhom.

5. KOOPERAZZJONI LEĠIŻLATTIVA MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-UE

5.1 Is-Sistema ta' Twissija Preventiva u l-Protokoll Nru 2 tat-Trattati

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà (minqax fl-Artikolu 5 tat-TUE), fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, l-Unjoni għandha tagħxi biss jekk u sa fejn l-oġġettivi tal-azzjoni prevista ma jkunux jistgħu jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda jkunu jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-oġġettivi tat-Trattati.

Il-Parlamenti nazzjonali għandhom jaraw li l-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi rispettata skont il-proċedura prevista fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Dan il-Protokoll jistabbilixxi mekkaniżmu ta' reviżjoni, is-Sistema ta' Twissija Preventiva. Fl-ambitu ta' dan il-mekkaniżmu, il-parlamenti nazzjonali jistgħu, fi żmien tmien ġimgħat minn meta jirċievu abbozz ta' att leġiżlattiv, jibagħtu lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqisu li l-abbozz in kwistjoni ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

5.1.1 Is-Sistema ta' Twissija Preventiva

Fir-rigward tas-Sistema ta' Twissija Preventiva (EWS – Early Warning System), l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali tal-UE jitqiesu skont il-kategoriji li ġejjin⁹:

1. Opinjoni motivata: jekk jiġu ppreżentati taħt dik l-intestatura u jaslu qabel it-terminu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 għat-Trattati¹⁰, u titqajjem il-kwistjoni ta' nuqqas ta' rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.
2. Kontribut: jekk l-osservazzjoni ppreżentata ma tissodisfax il-kriterji ta' hawn fuq.

Meta l-opinjoni motivata jirrappreżentaw għall-anqas terz tal-voti allokati lill-Parlamenti nazzjonali, l-abbozz ta' att leġiżlattiv irid jiġi rivedut (karta safra). L-istituzzjoni li minnha jkun ġej l-abbozz ta' att tista' tiddeċiedi jew li żżomm l-abbozz, jew temendah, jew inkella tirtirah, u tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li tiegħu. Fir-rigward ta' abbozz ta' atti relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija jew il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, dan il-limitu huwa inqas (kwart tal-voti).

Jekk, fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-parlamenti nazzjonali b'għall-anqas maġġoranza sempliċi tal-voti jikkontestaw ir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà min-naħa ta' proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni jeħtiġilha tirrevedi l-proposta tagħha u tiddeċiedi jekk iżżommhiex, temendahiex jew tirtirahiex. Jekk tiddeċiedi li żżomm il-proposta tagħha, il-kwistjoni tiġi rreferuta lill-leġiżlatur (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) u l-Kummissjoni jkollha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha (proċedura tal-karta oranġjo). Jekk il-leġiżlatur iqis li l-proposta leġiżlattiva mhijiex kompatibbli mal-

⁹ Ara d-dokument tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tal-15 ta' Diċembru 2010: "Common approach for the treatment at committee level of national Parliaments' reasoned opinions and all other contributions of national Parliaments" (Approċċ komuni għat-trattament fil-livell tal-kumitati tal-opinjoni motivati tal-parlamenti nazzjonali u tal-kontributi l-oħra kollha tal-parlamenti nazzjonali).

¹⁰ L-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità: "Kull parlament nazzjonali jew kull kamra ta' parlament nazzjonali jistgħu, fi żmien tmien ġimgħat mid-data minn meta jirċievu abbozz ta' att leġiżlattiv fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, jibagħtu lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqisu li l-abbozz inkwistjoni ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Kull parlament nazzjonali jew kull kamra ta' parlament nazzjonali jistgħu jikkonsultaw, fejn ikun xieraq, mal-Parlamenti reġjonali li jkollhom setgħat leġiżlattivi".

prinċipju tas-sussidjarjetà, dan jista' jirrifjutaha b'maġġoranza ta' 55 % tal-Membri tal-Kunsill jew tal-maġġoranza sempliċi tal-voti espressi fil-Parlament Ewropew. Sal-lum, il-proċedura tal-karta s-safra ġiet attivata tliet darbiet¹¹, filwaqt li l-proċedura tal-karta oranġjo qatt ma ġiet attivata.

Fi ħdan il-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) huwa l-kumitat responsabbli għall-monitoraġġ tar-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà min-naħa tal-opinjoni motivati¹². Kull sitt xhur, membru tal-kumitat jinħatar bħala rapporteur permanenti għas-sussidjarjetà abbażi ta' mekkaniżmu ta' rotazzjoni fost il-gruppi politiċi.

Nacho Sánchez Amor (S&D) u Gilles Lebreton (ID)¹³ żvolġew ir-rwol ta' rapporteurs permanenti għas-sussidjarjetà għas-sena 2021. Il-Kumitat JURI jħejji wkoll regolarment rapport dwar ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

5.1.2 Osservazzjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali tal-UE

Fl-2021, il-Parlament Ewropew irċieva 226 osservazzjoni ppreżentata mill-parlamenti nazzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li minnhom 24 kienu opinjonijiet motivati u 202 kienu kontributi.

Fl-2020, il-Parlament Ewropew irċieva 124 osservazzjoni, li minnhom 13 kienu opinjonijiet motivati u 111 kienu kontributi.


Iż-żieda ta' aktar minn 80 % fl-għadd ta' osservazzjonijiet ippreżentati bejn l-2020 u l-2021 tista' tiġi spjegata mill-fatt li l-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali kienu adattaw ruħhom għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2021, u kienu qed jaħdmu bil-kapaċità leġiżlattiva sħiħa tagħhom, inkluża l-leġiżlazzjoni dwar miżuri tas-saħħa u ekonomiċi relatati mal-pandemija.

¹¹ Il-proċedura tal-karta s-safra ntużat fl-2012 fir-rigward ta' proposta għal regolament tal-Kummissjoni dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz ("Monti II"). Il-Kummissjoni fl-aħħar mill-aħħar irtirat il-proposta tagħha, iżda qieset li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma kienx inkisier. Din reġġet intużat fl-2013 wara l-preżentazzjoni tal-proposta għal regolament dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Il-Kummissjoni ddeċidiet li [żomm il-proposta](https://ec.europa.eu/info/files/communication-review-proposal-establishment-european-public-prosecutors-office_mt) (https://ec.europa.eu/info/files/communication-review-proposal-establishment-european-public-prosecutors-office_mt), u sostniet li din kienet tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Intużat ukoll fl-2016 kontra l-[proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Haddiema](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016PC0128&qid=1469715330216&from=MT) (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016PC0128&qid=1469715330216&from=MT) Il-Kummissjoni tat [raġunijiet](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016DC0505&qid=1469715692305&from=MT) (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016DC0505&qid=1469715692305&from=MT) dettaljati għaż-żamma tal-proposta tagħha, peress li ma kinitx tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi l-kwistjoni tal-ħaddiema stazzjonati hija, skont it-tisfira tagħha stess, waħda transnazzjonali.

¹² It-Taqsima XVI tal-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew tistabbilixxi li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali huwa responsabbli "għall-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-Liġi tal-Unjoni, u għall-konformità tal-atti tal-Unjoni mal-leġiżlazzjoni primarja, b'mod partikulari l-għażla tal-bażi legali u r-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità".

¹³ "Is-Soċjalisti u d-Demokratiċi" u "Identità u Demokrazija" huma gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew.


Opinjoniġiet motivati għal kull parlament/kamra parlamentari:



Fl-2021 waslu total ta' 24 opinjoni motivata. Il-graff turi l-osservazzjonijiet ippreżentati għal kull il-parlament/kamra parlamentari.

Fl-2021, sebgħa minn 39 parlament/kamra parlamentari ppreżentaw opinjonijiet motivati u 18 ippreżentaw kontributi. Fost dawk li bagħtu opinjonijiet motivati, l-aktar parlamenti attivi kienu s-Senat Irlandiż, b'sitt opinjonijiet motivati, u l-Kamra tad-Deputati Taljana, b'ħamsa. Fir-rigward tal-kontributi, l-aktar parlamenti/kammar parlamentari attivi kienu rispettivament: il-Parlament Spanjol, li ppreżenta 53 kontribut, u l-Parlament Portugiż, li ppreżenta 38. Ara l-istatistika għall-2021 fl-Anness IV.


Kontributi għal kull parlament/kamra parlamentari:



Fl-2021 waslu total ta' 202 kontributi. Il-graff turi l-osservazzjonijiet ippreżentati għal kull parlament/kamra parlamentari.


Il-kumitati li rċevew l-aktar osservazzjonijiet kienu l-I-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (sitt opinjonijiet motivati u 57 kontribut), il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (disa' opinjonijiet motivati u 35 kontribut) u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari (żewġ opinjonijiet motivati u 31 kontribut).

Kontributi skont il-kumitat:



Numru ta' kontributi li waslu fl-2021, għal kull kumitat.

Opinjonijiet motivati għal kull kumitat:



Numru ta' opinjonijiet motivati li waslu fl-2021, għal kull kumitat.

Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-2009, intbagħat total ta' 1 054 abbozz ta' atti leġiżlattivi lill-parlamenti nazzjonali għal eżami skont it-termini tal-Protokoll Nru 2. Bħala rispost, il-Parlament Ewropew irċieva total ta' 3 681 osservazzjoni ppreżentata mill-parlamenti nazzjonali. Minn dawn, 511 huma opinjonijiet motivati (14 %) filwaqt li t-3 170 li jifdal huma kontributi (86 %).

Din l-istatistika tikkonferma li l-parlamenti nazzjonali tal-UE jużaw il-Protokoll Nru 2 bħala mezz biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sustanza tal-proposti aktar ta' spiss milli dwar is-sussidjarjetà. Dan jista' jirrifletti x-xewqa tagħhom li jkunu involuti aktar mill-qrib fis-sustanza tal-proċess leġiżlattiv.

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jiżgura li l-osservazzjonijiet kollha li jintbagħtu mill-parlamenti nazzjonali jkunu disponibbli għall-Membri, għall-korpi politiċi u għas-servizzi tal-Parlament Ewropew u jfornilhom, b'mod partikolari lir-rapporteurs, għarfien espert speċifiku u informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali tal-UE matul iċ-ċiklu leġiżlattiv, li jkunu ntużaw bħala spunt għall-abbozzar tar-rapporti tal-kumitat u għan-negożjati tat-trilogu mal-Kunsill. Id-Direttorat jipprovdi kull xahar fatti, ċifri u statistika dwar in-numru u n-natura ta' dawn id-dokumenti permezz tal-pubblikazzjoni tiegħu ta' kull xahar "State of Play Note" dwar il-Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Liżbona, u jieħu ħsieb ukoll il-bażi tad-data CONNECT¹⁴, li fiha l-opinjoni motivati u l-kontributi kollha ppreżentati mill-parlamenti nazzjonali.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, kemm l-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll il-parlamenti nazzjonali komplew jadattaw il-metodi ta' ħidma leġiżlattiva tagħhom għat-tieni sena konsekuttiva. Dan jista' jiġi osservat fil-qasam tal-leġiżlazzjoni, li fih l-għadd sostanzjali ta' proposti ġodda adottati ra risposta adegwata min-naħa tal-parlamenti nazzjonali fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2 b'għadd pjuttost kbir ta' kontributi, mhux inqas f'risposta għal ammont kbir ta' proposti fil-qasam tas-saħħa, l-ambjent, il-ġustizzja u l-affarijiet interni.

5.1.3 "State of Play Note" ta' kull xahar

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jipproduċi "State of Play Note" ta' kull xahar dwar l-opinjoni motivati u l-kontributi ppreżentati fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll Nru 2. Din in-nota, li tintbagħat lill-Membri, lis-servizzi rilevanti tal-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali, tagħti ħarsa ġenerali lejn l-osservazzjonijiet kollha li waslu wara n-nota preċedenti u tirreferi għall-fajls leġiżlattivi kollha li jinsabu fuq l-aġenda tas-sessjoni plenarja li jmiss tal-Parlament Ewropew. In-nota hija inkluża wkoll fil-fajl tal-laqqgħa għall-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tal-Parlament Ewropew. Hija ppubblikata wkoll fuq is-sit web tad-Direttorat qabel kull sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew.

5.2 Djalogu Politiku Informali u l-Protokoll Nru 1 tat-Trattati


Il-Protokoll Nru 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Parlamenti nazzjonali tal-UE jistgħu jikkumentaw dwar fajls leġiżlattivi li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE kif ukoll dwar dokumenti mhux leġiżlattivi, pereżempju, fir-rigward tad-dibattiti li għaddejjin fil-livell Ewropew, tal-Green/White Papers tal-Kummissjoni jew tal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni. Dawn il-kontributi jiġu ttrattati fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali (DPI).

Fl-2021, il-parlamenti nazzjonali tal-UE komplew jagħmlu użu attiv minn din l-għodda, billi bagħtu 222 kontribut. F'dan il-kuntest, l-aktar tliet parlamenti/kmamar parlamentari attivi fl-2021 kienu l-Parlament Spanjol (60), is-Senat Ċek (27) u l-Kamra tad-Deputati Rumena (24).

¹⁴Ara aktar fil-Kapitolu 7.2.

KONTRIBUTI SOTTOMESSI FL-AMBITU TAD-DJALOGU POLITIKU INFORMALI 2021			
Country	Parliaments/Chambers	Contributions	
ES	Congreso / Senado	60	
CZ	Sénat	27	
RO	Camera Deputa ilor	24	
IT	Assembleia da República	16	
RO	Senat	16	
CZ	Poslanecká snemovna	13	
FR	Sénat	11	
IT	Camera dei Deputati	11	
DE	Bundesrat	10	
NL	Eerste Kamer	10	
FR	Assemblée Nationale	7	
NL	Tweede Kamer	5	
BE	Sénat	2	
PL	Senat	2	
SK	Národná rada	2	
AT	Nationalrat	1	
DE	Bundestag	1	
FI	Eduskunta	1	
LT	Seimas	1	
IE	Houses of Oireachtas	1	
SE	Rigstag	1	

L-erba' kumitati li rċevew l-aktar kontributi fil-qafas tad-Djalogu Politiku Informali kienu l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-lkel (ENVI) b'45, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) b'29, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) bi 28, u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) bi 19.



Mill-2009, il-Parlament Ewropew irċieva madwar 2 666 kontribut mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1, li ġew ippubblikati wkoll fil-bażi tad-data CONNECT. Statistika dettaljata dwar il-kontributi riċevuti fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali fl-2021 hija disponibbli fl-Anness V.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- In-numru ta' kontributi ppreżentati fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali żdied b'24 %, minn 179 fl-2020 għal 222 fl-2021. L-aktar raġuni probabbli għal dan hija li l-Kummissjoni kellha rwol attiv ħafna fil-propożizzjoni ta' leġislazzjoni ġdida bħala risposta għall-pandemija tal-COVID 19;
- Il-parlamenti Nazzjonali fornew aktar sommarji bl-Ingliż mal-osservazzjonijiet tagħhom kemm fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2 kif ukoll fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1, u dan iffaċilita l-ħidma tal-leġislaturi.

6. NETWORKS U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

6.1 Skambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX)



L-iskambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX) jappoġġa l-kooperazzjoni interparlamentari billi jipprova pjattaforma u network għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni relatata mal-UE bejn il-parlamenti fl-UE. L-IPEX tnedja bħala inizjattiva tal-parlamenti nazzjonali tal-UE u ġie żviluppata bl-assistenza teknika tal-Parlament Ewropew. Illum, 39 kamra parlamentari ta' 27 parlament nazzjonali u l-Parlament Ewropew qed jużaw l-IPEX fl-attivitajiet tagħhom ta' kuljum. L-IPEX huwa soġġett għal titjib kontinwu biex iwiegħeb il-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-utenti tiegħu. L-għan aħħari huwa li l-IPEX isir il-punt uniku ta' kuntatt għall-attivitajiet interparlamentari.

L-IPEX huwa kkaratterizzat minn funzjonijiet ta' għodda, pjattaforma u network. Dawn it-tliet definizzjonijiet huma xhieda tal-evoluzzjoni tal-istrument. It-trasformazzjoni tiegħu minn għodda għal network kienet bil-mod iżda issa qed tilħaq l-għan tagħha.

It-tnedija u d-distribuzzjoni tal-pjattaforma l-ġdida tal-IPEX saru fl-2021. Dan kien l-oġġettiv ewlieni tas-sena għall-Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali tad-Direttorat, għall-kollegi tad-Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku (DG ITEC) li żviluppaw is-sit web il-ġdid, għall-Presidenzi tal-IPEX u l-partijiet ikkonċernati kollha tal-IPEX b'mod ġenerali. Il-varar tal-pjattaforma l-ġdida tal-IPEX, li kien ippjanat oriġinarjament għall-ewwel nofs tas-sena 2021, taħt il-Presidenza tal-Parlament Finlandiż, ġie pospost għal diversi xhur. Iż-żmien ta' żvilupp kien affettwat minn pressjoni tax-xogħol relatata mal-pandemija tal-COVID-19. Il-verżjoni 3 (v3) tal-IPEX ġiet approvata b'mod finali mill-Bord tal-IPEX f'Lulju 2021 taħt il-Presidenza Ġermaniża. Is-sit web tal-IPEX tnedja uffiċjalment fit-28 ta' Ottubru f'Berlin matul il-laqgħa tal-korrispondenti tal-IPEX ospitata mill-Bundesrat Ġermaniż.

Il-gruppi ta' ħidma tal-IPEX iddedikaw parti kbira minn ħinhom biex iħejju t-tnedija tas-sit web. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kontenut iddeskriva t-taqsimiet il-ġodda tal-IPEX v3 fi gwida għall-korrispondenti tal-IPEX u żied testi ta' spjegazzjoni sabiex is-sit web ikun aktar faċli għall-utent. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Taħriġ ħejja materjal ta' taħriġ li ntuża matul is-seminars biex il-korrispondenti tal-IPEX jiffamiljarizzaw ruħhom mas-sit web il-ġdid. L-uffiċjal tal-informazzjoni tal-IPEX offra wkoll sessjonijiet ta' taħriġ online. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Promozzjoni u l-Midja Soċjali ħoloq materjal promozzjonali ġdid, inkluż fuljett dwar l-IPEX, filmati u kampanja fuq Twitter, sabiex jirreklama t-tnedija tal-IPEX v3.

Kemm il-Presidenza Finlandiża kif ukoll dik Ġermaniża ddedikaw ruħhom bis-siġħ għas-suċċess tat-tnedija tal-pjattaforma l-ġdida. Barra minn hekk, iż-żewġ Presidenzi ppruvaw dejjem jiżviluppaw formati ġodda ta' skambju u komunikazzjoni interni (il-forum IPEX NOW u l-proposta għal grupp ta' ħidma u ta' tmexxija inkarigat mill-monitoraġġ ta' problemi tekniċi possibbli u mir-rettifika tagħhom bi qbil mal-prinċipji tal-istrateġija diġitali tal-IPEX u l-Linji Gwida tal-IPEX). Dawn il-formati l-ġodda għad-diskussjonijiet interni se jgħinu jidentifikaw l-aħjar modi possibbli ta' konsolidament tan-network fi żmien meta huwa estremament diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jsiru laqgħat fiżiċi. Dawn għandhom jiffaċilitaw ukoll oqfsa ġodda għad-diskussjoni fi ħdan l-istrutturi ta' governanza tal-IPEX, dwar kif għandha taħdem pjattaforma ġdida b'kapaċitajiet aġġornati b'mod sinifikanti, u kwalunkwe kwistjoni oħra relatata.

Waħda mill-innovazzjonijiet prinċipali tal-IPEX v3 tippermetti lill-parlamenti jippubblikaw tipi ġodda

ta' dokumenti fil-pjattaforma li mhumiex neċċessarjament marbutin mal-parametru tas-sussidjarjetà (opinjonijiet motivati jew kontributi fl-ambitu tad-djalogu politiku). Magħrufa bħala dokumenti fuq inizjattiva proprja, dawn huma mfassla biex iħeġġu l-kooperazzjoni interparlamentari f'oqsma bħal:

- il-qafas finanzjaru pluriennali;
- il-ftehimiet internazzjonali tal-UE;
- il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni;
- kontributi parlamentari għall-ħidma tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

Il-kapaċità li jiġu ppubblikati dawn it-testi l-ġodda hija marbuta direttament ma' waħda mill-prijoritajiet tal-PE għall-kooperazzjoni interparlamentari: il-promozzjoni ta' koordinament aktar mill-qrib fost il-parlamenti u mal-PE fil-qafas tad-diplomazija parlamentari u r-rwol tal-parlamenti fil-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE permezz tal-azzjoni esterna.

Is-sena l-oħra, l-Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali tad-Direttorat tagħna ddedikat il-biċċa l-kbira tal-enerġija tagħha għat-tnedija tat-Taqsima IPEX rigward in-Network dwar l-Appoġġ tad-Demokrazija, li kienet bdiet fi tmiem l-2020. Dan seta' jinkiseb biss bis-saħħa tal-appoġġ kontinwu u reċiproku tad-Direttorat sħiħ, tad-Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku (DG ITEC) , tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni (EXPO), tal-presidenzi tal-IPEX, tal-membri tal-Bord tal-IPEX, tal-uffiċjal tal-informazzjoni u tan-network kollu kemm hu tal-IPEX. It-taqsima tan-Network dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija tirrappreżenta l-bidu ta' forom ġodda u msaħħa ta' kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali, li hija waħda mill-oġġettivi strateġiċi għall-perjodu 2022-2024, sponsorizzata b'mod konġunt mid-DG Presidenza u mid-DG EXPO u implimentata mid-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali f'koordinament mill-qrib mas-servizzi responsabbli fi ħdan id-DG EXPO¹⁵.

L-IPEX bħalissa jippubblika aktar minn 105 000 paġna maħruġa mill-parlamenti nazzjonali u mill-istituzzjonijiet tal-UE, filwaqt li jżomm informazzjoni relatata mal-iskrutinju fi kważi 89 000 dokument prodott mill-parlamenti nazzjonali u marbuta ma' madwar 16 618 fajl.

Fl-2021, 300 732 viżitatur uniku kkonsultaw is-sit web tal-IPEX. Kien hemm 21 838 014-il viżwalizzazzjoni tal-paġna u 30 217 045 viżwalizzazzjoni. L-aġġornament għall-IPEX v3 f'Lulju 2021 u l-bidliet ta' kif topera s-sistema kellhom impatt konsiderevoli fuq in-numru ta' żjarat irreġistrati, li jista' jispjega għalfejn iċ-ċifri huma aktar baxxi mis-snin ta' qabel.

Is-sit web il-ġdid jagħti l-opportunità li l-IPEX jinfetaħ b'mod aktar estensiv għall-pubbliku. Il-Presidenza Ġermaniża kienet ħerqana ħafna li tapprofondixxi l-iskambju mar-riċerkaturi li jużaw il-bażi tad-data IPEX għal finijiet xjentifiċi. Is-sit web tal-IPEX joffri opportunitajiet eċċellenti għall-istudju tal-attivitajiet parlamentari fl-UE, inkluża l-ħidma interparlamentari.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- It-tnedija tal-Pjattaforma tal-IPEX v3.
- L-approvazzjoni (tal-varar) tal-Programm ta' Ħidma għat-tliet snin ta' attivitajiet li ġejjin.
- Il-pubblikazzjoni tat-taqsima rigward in-Network dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija.

¹⁵ Ara n-nota dwar il-Kooperazzjoni mad-DG EXPO.

6.2 Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD)





Immexxi b'mod konġjunt mill-Parlament Ewropew u mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, l-ECPRD jinkludi 66 kamra parlamentari (39 fl-Unjoni Ewropea) minn 54 pajjiż u istituzzjoni tal-UE. Kważi 120 korrispondent u viċi korrispondent jirrappreżentaw il-parlamenti rispettivi tagħhom fin-network u jikkontribwixxu għall-oġettivi ewlenin tal-ECPRD: il-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika dwar suġġetti ta' interess komuni. L-ECPRD jipromwovi l-kooperazzjoni bejn il-kmamar parlamentari membri billi jibda talbiet komparattivi u jorganizza seminars.

Il-COVID-19 kompli jkollu impatt profond fuq il-fluss tax-xogħol tan-network tal-ECPRD fl-2021. L-effetti tiegħu fuq l-organizzazzjoni tal-ħidma parlamentari baqa' sinifikanti ħafna, u ntbagħtu bosta talbiet biex jiġi aċċertat il-mod kif il-kmamar parlamentari l-oħra kienu qed jindirizzaw is-sitwazzjoni (ara wkoll l-Anness VI).


Madankollu, minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika tas-sena l-oħra, u l-fatt li baqa' impossibbli li jsiru avvenimenti internazzjonali bil-preżenza fiżika, in-network tal-ECPRD kompli jipperfezzjona l-esperjenzi tiegħu fl-organizzazzjoni ta' seminars u laqgħat statutorji virtwali. Filwaqt li ma kienx possibbli li jiġi żgurat li l-interazzjonijiet personali kruċjali għal network maħsub biex jipromwovi l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika, il-format mill-bogħod ippermetta li jsiru ħafna aktar laqgħat u ppermetta li jipparteċipaw ħafna kollegi mill-parlamenti nazzjonali li alternattivament ma kinux ikunu jistgħu jivvjaġġaw.

i. Talbiet komparattivi

Fl-2021, il-parlamenti membri tal-ECPRD ressqu 356 talba komparattiva lin-network, li rriżulta fi 8 928 tweġiba: żieda ċkejna mill-2020 (326 talba u 8 475 tweġiba).



It-talbiet għal informazzjoni koprew ħafna setturi, ta' importanza partikolari mogħtija lil suġġetti relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol u tal-amministrazzjoni parlamentari u ma' kwistjonijiet soċjali u tas-saħħa.



Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali pprova wkoll appoġġ lis-servizzi tal-Parlament Ewropew billi ffaċilita u bagħat it-talbiet tagħhom lin-network tal-ECPRD. B'kollox,

il-Parlament Ewropew ressaq 14-il talba lin-network tal-ECPRD fl-2021. Dan jirrappreżenta żieda ċkejnkna mill-2020, li ra 12-il talba tal-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew ta 89 tweġiba għal talbiet mill-parlamenti l-oħra tal-ECPRD, żieda meta mqabbla mal-81 tweġiba li ta fl-2020, u żieda ħafna akbar meta mqabbla mad-29 tweġiba li ta fl-2019 u mal-31 fl-2018.

ii. Sommarji finali

Is-sommarji finali huma l-aħjar mod kif jiġu enfasizzati n-numru enormi u l-utilità tat-talbiet u t-tweġibiet tal-ECPRD. Metodi ġodda biex jiġi mħeġġeġ l-abbozzar tas-sommarji finali ilhom f'kunsiderazzjoni. F'dan ir-rigward, il-verżjoni l-ġdida tas-sit web tal-ECPRD, li ttellgħet online f'Ottubru 2020 bl-appoġġ tas-servizzi informatiċi tal-Parlament Ewropew, kellha l-għan li timmodifika t-tabella tal-korrispondenti sabiex jiġu mistiedna jressqu s-sommarji finali tagħhom u jagħtu viżibbiltà lil dawk li jittellgħu fuq is-sit web tal-ECPRD. Wara din ir-riflessjoni, fl-2020, ir-rata ta' sommarji finali tal-ECPRD żdiedet b'mod konsiderevoli, b'41 % tat-talbiet iwasslu għall-pubblikazzjoni ta' analiżi tat-tweġiba (meta mqabbla ma' 16 % fl-2019 u 11.3 % fl-2018). Sfortunatament, din iċ-ċifra naqset għal 21 % fl-2021.

iii. Laqgħat statutorji

Il-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv ġew organizzati mill-bogħod fit-18 ta' Marzu, fl-1 ta' Lulju u fit-23 ta' Settembru mill-Parlament Ewropew. L-objettiv ewlieni ta' dawn il-laqgħat kien it-tnejjja tal-Konferenza Annwali li jmiss. Il-Kumitat Eżekuttiv nieda wkoll riflessjoni dwar il-linji gwida aġġornati tal-ECPRD għat-tressiq ta' talbiet.

Fid-dawl tar-restrizzjonijiet fuq il-laqgħat u l-ivvjaġġar li kienu għadhom fis-seħħ f'diversi parlamenti, minħabba l-COVID-19, u sabiex tingħata prijorità lis-sikurezza tal-parteċipanti, il-Konferenza Annwali tal-Korrispondenti tal-ECPRD reġgħet saret mill-bogħod, u kienet ospitata mill-House of Commons ta' Londra fit-18 ta' Novembru 2021. Il-punti fl-aġenda inkludew preżentazzjoni mill-Kumitat Eżekuttiv tal-linji gwida aġġornati għat-talbiet tal-ECPRD; il-kooperazzjoni bejn l-ECPRD u l-programm ta' data Parline tal-Unjoni Interparlamentari (IPU); rapporti tal-koordinaturi tal-ECPRD dwar seminars tal-passat u tal-futur u preżentazzjoni dwar titjib għas-sit web il-ġdid tal-ECPRD. Barra minn hekk, ġew eletti erba' membri ġodda fil-Kumitat Eżekuttiv.

iv. Seminars

Il-pandemija tal-COVID-19 għal darb'oħra affettwat l-organizzazzjoni tas-seminars tal-ECPRD. Is-seminars jirrappreżentaw opportunità importanti biex il-parteċipanti jinvolvu ruħhom fi skambji produttivi ħafna ta' informazzjoni u tal-aħjar Prattika. Qabel l-2020, is-seminars kollha kienu jsiru b'mod fiżiku u ospitati mill-parlamenti nazzjonali li żammew interess fis-suġġetti partikolari diskussi. Madankollu, mit-tifqigħa tal-COVID-19, il-laqgħat kollha saru mill-bogħod.

Is-seminar annwali fil-qafas tal-qasam ta' interess "Libreriji, Servizzi ta' Riċerka u Arkivji" tal-ECPRD, organizzati f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew ta' Riċerka Parlamentari u mad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali, sar mill-1 sat-3 ta' Ġunju 2021 bħala avveniment online bititolu "Is-Servizzi ta' Riċerka u l-Libreriji Parlamentari: sena ta' tama u tranżizzjoni". Dan is-seminar mill-bogħod attira 90 parteċipant minn 30 kamra parlamentari u organizzazzjoni internazzjonali u offra forum għall-iskambju dwar l-effetti fit-tul tal-COVID-19 fuq il-metodi ta' ħidma, u r-risposta tal-libreriji parlamentari għall-kriżi.

Rainer Wieland, il-Viċi President tal-Parlament Ewropew, u Klaus Welle, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, indirizzaw is-seminar, u esponew il-fehmiet tagħhom dwar kif il-Parlament Ewropew kompli bil-ħidma tiegħu matul il-pandemija.

Is-Segretarjat tal-ECPRD kien involut ukoll fl-organizzazzjoni ta' tmien webinaris oħra tal-ECPRD (ara l-Anness VI C).

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Il-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unità tas-Sostenn għall-Governanza Ekonomika tal-PE u l-Qasam ta' Interess Ekonomiku u Baġitarju tal-ECPRD u bejn is-Servizz Ewropew ta' Riċerka Parlamentari u l-Libreriji, is-Servizzi ta' Riċerka u l-Arkivji Parlamentari tal-ECPRD f'oqsma ta' interess u investigazzjoni komuni.
- Il-Linji Gwida Aġġornati tal-ECPRD għat-Tressiq ta' Talbiet Komparattivi ġew adottati mill-Konferenza Annwali tal-ECPRD.
- Żieda fil-parteċipazzjoni fil-webinars.

6.3 Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Prezidenza

Il-Parlament Ewropew ippromwova b'mod kostanti kooperazzjoni mill-qrib bejn l-amministrazzjoni tiegħu u dawk tal-parlamenti nazzjonali, b'mod partikolari fil-fażi preparatorja tad-dimensjoni parlamentari ta' kull Prezidenza tal-Kunsill tal-UE. Il-Parlament Ewropew joffri lil kull Parlament tal-Prezidenza li jmiss l-opportunità li jipparteċipa fi programm organizzat għall-persunal fi Brussell bil-ħsieb li jħejji attivitajiet fil-kuntest tad-dimensjoni parlamentari tal-Prezidenza. Il-Parlament Ewropew jista' jipprovdi lill-Parlament tal-Prezidenza programm ta' appoġġ imfassal apposta, abbażi ta' talbiet, ħtiġijiet u prijoritajiet speċifiċi. Din l-inizjattiva toffri opportunità biex jinħoloq network u jinbnew kuntatti personali ma' dawk kollha involuti u tippermetti l-kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni u tal-għarfien espert, u b'hekk tiffaċilita aktar ħidma u tiżgura konsistenza. Il-Parlament Ewropew jista' jikkontribwixxi għall-kost tal-programm fuq bażi kondiviżja mal-parlament nazzjonali korrispondenti.

F'dawn l-aħħar snin, għadd ta' Stati Membri tal-UE kellhom il-Prezidenza tal-Kunsill tal-UE għall-ewwel darba. Il-parlamenti minn dawn il-pajjiżi kienu partikolarment interessati fil-Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Prezidenza tal-Parlament Ewropew. Fil-fatt, minħabba li wera li kien għodda utli matul il-fażi preparatorja tal-Prezidenzi, u fid-dawl tal-iżviluppi kontinwi fil-kooperazzjoni interparlamentari, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali ddeċieda li jestendi l-programm għall-Prezidenzi futuri kollha. F'dawn l-aħħar snin, il-Prezidenzi tal-Kunsill tal-UE għamlu aktar enfasi fuq id-dimensjoni parlamentari u investew aktar fiha, biex iżidu l-għadd ta' avvenimenti, laqgħat u inizjattivi li jorganizzaw matul is-semestru tal-Prezidenza tagħhom, meta mqabbla ma' għaxar snin ilu.

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali ħadem fuq l-adattament tal-Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Prezidenza għaċ-ċirkostanzi partikolari li fl-2021 imponew limitazzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-laqgħat bil-preżenza fiżika u offra "żjarat virtwali" għall-Prezidenza Slovena u dik Franċiża.

Il-programm għall-uffiċjali tal-Parlament Sloven, li fil-maġġoranza kienu bbażati fi Ljubljana, kien ibbażat fuq serje ta' laqgħat mill-bogħod minflok iż-żjara tas-soltu fi Brussell. Saru ħames laqgħat f'Marzu u f'April 2021. Dawn kienu kkaratterizzati minn skambji ma' għadd ta' kollegi mis-segretarjat tal-Parlament Ewropew, li qasmu l-esperjenzi tagħhom dwar l-organizzazzjoni ta' avvenimenti u attivitajiet differenti: iż-żjara tal-Konferenza tal-Prezidenti fil-belt kapitali tal-Prezidenza, il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza; il-laqgħat tal-COSAC; il-Konferenza dwar il-PESK/PSDK; il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol u l-Laqqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-Evalwazzjoni tal-Eurojust.

L-għan ta' dawn il-laqgħat kien li jiġu stabbiliti l-kuntatti neċessarji bejn l-uffiċjali mill-pajjiż tal-Prezidenza u l-persunal tal-Parlament Ewropew u li tingħata l-opportunità għal skambji inizjali ta' informazzjoni dwar proċeduri, suġġetti u aġendi għal avvenimenti u attivitajiet futuri.

L-Assemblea Nazzjonali u s-Senat Franċiżi kienu ħerqana li jikkollaboraw u jitgħallmu mill-esperjenzi tas-servizzi tal-Parlament Ewropew ta' kif ħadu ħsieb il-laqgħat mill-bogħod u ibridi, b'mod speċjali daww li involvew numru kbir ta' konnessjonijiet, parteċipanti u lingwi. Madankollu, minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-elezzjonijiet presidenzjali Franċiżi, ma setgħetx tinstab data xierqa għal Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Prezidenza mal-Parlament Franċiż, li ħalla biss ħin għal skambji dwar kwistjonijiet tekniċi.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Fl-ewwel semestru tal-2021, Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Prezidenza kompletament online ġie mfassal u offrut lill-Parlament Sloven sabiex ikun ippreparat għall-Prezidenza fit-tieni semestru tal-2021;
- L-uffiċjali mill-Assemblea Nazzjonali u s-Senat Franċiżi kienu partikolarment ħerqana li jitgħallmu mill-esperjenzi tal-Parlament Ewropew fl-organizzazzjoni ta' laqgħat multilingwi f'format mill-bogħod, li involvew għadd ta' parteċipanti u diversi lingwi.

6.4 Network tar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fi Brussell

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jilqa' u jospita lir-rappreżentanti amministrattivi maħtura mill-parlamenti/kmamar parlamentari nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew. Mill-1991, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kooperazzjoni interparlamentari fl-UE, il-Parlament Ewropew offra lir-rappreżentanti spazju tal-uffiċċju bla ħlas u faċilitajiet interni oħra fuq talba, fil-bini tiegħu fi Brussell u fi Strasburgu.

Il-parlamenti nazzjonali tal-UE jibagħtu uffiċjali nazzjonali fi Brussell biex jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet mal-UE. Bħalissa, 55 membru tal-persunal mis-27 parlament nazzjonali tal-UE qed jokkupaw 43 uffiċċju fil-bini tal-Parlament Ewropew¹⁶. Dawn ir-rappreżentanti huma uffiċjali nazzjonali li, minbarra li jingħataw kompiti amministrattivi, huma inkarigati mill-kondiviżjoni reċiproka tal-informazzjoni (bi fluss bidirezzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-UE), bħala fattur ewleni fl-affarijiet tal-UE.

Ir-rappreżentanti jaħdmu fl-istess bini li jospita d-Direttorat. Dan joħloq diversi sinerġiji u jippromwovi skambji faċli. Fl-2020, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, id-Direttorat u r-rappreżentanti qalbu, b'suċċess, għal skema li fil-biċċa l-kbira tagħha kienet ibbażata fuq telexogħol, kif għamlet il-biċċa l-kbira tal-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-istruzzjonijiet tal-President tal-Parlament Ewropew u tas-Segretarju Ġenerali tiegħu. Dan kompli fl-2021.

Lista tar-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali hija disponibbli fis-sit:

www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/networks/representatives-of-national-parliaments

Żviluppi/sfidi ewlenin fl-2021:

- Il-kontinwazzjoni tal-iskema bbażata fil-biċċa l-kbira tagħha fuq telexogħol minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

¹⁶Is-sitwazzjoni fis-17 ta' Jannar 2022, inklużi s-segretarjat tal-COSAC u l-uffiċjal tal-informazzjoni IPEX.

6.5 Seminars tal-persunal

Kif afferma l-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2018 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw il-parlamenti nazzjonali, "interazzjoni aħjar u skambju ta' informazzjoni mtejjeb bejn il-MPE u l-MP u wkoll bejn l-impjegati taċ-ċivil tal-parlamenti nazzjonali jistgħu jgħinu biex jitjeb l-iskrutinju tad-dibattitu Ewropew fil-livell nazzjonali u għalhekk irawwem kultura parlamentari u politika Ewropea". Fl-2019, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali organizza sensiela ta' seminars għall-persunal mill-parlamenti nazzjonali/kmamar parlamentari tal-UE. L-għan tagħhom kien li jlaqqgħu flimkien persunal tal-parlamenti nazzjonali u tal-PE sabiex jippreżentaw u jiddiskutu diversi suġġetti Ewropej rilevanti, jitgħallmu minn xulxin u jiskambjaw l-aħjar prattiki.

Minbarra l-kooperazzjoni interparlamentari fil-livell politiku, żvilupp importanti f'dawn l-aħħar snin kien jikkonsisti fl-organizzazzjoni ta' seminars tal-persunal sabiex jiġu aġevolati l-iskambji tekniċi fil-livell tal-persunal. Is-seminars tal-persunal jikkostitwixxu pjattaforma importanti għall-amministrazzjonijiet tal-parlamenti biex jorganizzaw skambji aktar speċifiċi u mmirati fuq oqsma ta' interess komuni. Dawn jikkostitwixxu element dinamiku tal-ħidma kemm tal-PE kif ukoll tal-parlamenti nazzjonali tal-UE.

L-Unità tas-Sostenn għall-Governanza Ekonomika kompliet torganizza seminars tal-persunal online dwar il-kondiviżjoni tal-aktar informazzjoni reċenti dwar is-Semestru Ewropew, inklużi l-prijoritajiet ekonomiċi u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar il-fehim taċ-ċiklu l-ġdid tas-Semestru Ewropew u t-titjib tiegħu permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambju tal-aħjar prattiki. Fl-2021 ġew organizzati sitt seminars ta' dan it-tip.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Tkomplew is-seminars tal-persunal online fil-qasam tal-governanza ekonomika, minkejja l-isfidi tal-pandemija tal-COVID-19.

7. GĦODOD U ATTIVITAJIET TA' APPOĠĠ

7.1 L-organizzazzjoni ta' laqgħat mill-bogħod u vidjokonferenzi

Anke qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-Parlament Ewropew kien uża l-vidjokonferenzi bħala għodda biex jiffaċilita l-kooperazzjoni interparlamentari. Għal żmien twil, il-Parlament Ewropew kellu soluzzjonijiet tekniċi biex jippermetti l-vidjokonferenzi b'immagħni u ħoss ta' kwalità tajba ħafna, kif ukoll interpretazzjoni f'diversi lingwi. Madankollu, qabel l-2020, l-użu tal-vidjokonferenzi kien limitat. Fil-bidu tal-kriżi tas-saħħa fl-2020, il-ħtieġa li jiġi adattat u mtejjeb il-mod ta' ħidma u ta' kooperazzjoni mill-bogħod wasslet għal qabża diġitali u teknika kbira fl-organizzazzjoni tal-laqgħat parlamentari mill-bogħod. Dawn komplew jintużaw b'mod estensiv hekk kif il-kriżi tas-saħħa kompliet fl-2021.

Il-Parlament Ewropew, minħabba l-kompożizzjoni speċifika tiegħu ta' Membri minn 27 pajjiż differenti, ilu żmien twil konxju mill-vantaġġi tal-vidjokonferenzi: dan jippermetti kuntatt aktar regolari bejn il-parlamentari filwaqt li jnaqqas il-ħin tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż u l-impronta tal-karbonju. Kumplessivament, il-vidjokonferenzi huma għodda effikaċi f'termini tal-kostijiet u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent għall-organizzazzjoni tal-laqgħat, u għalhekk ġew investiti riżorsi adegwati biex tiġi appoġġata. Barra minn hekk, sar progress konsiderevoli fit-teknoloġiji diġitali fl-2020 u fl-2021.

Is-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-2021 ma marritx biżżejjed għall-aħjar biex tippermetti li jitkompla x-xogħol b'mod ġenerali jew li jiġu organizzati laqgħat kbar bil-preżenza fiżika. Madankollu, jidher li l-kooperazzjoni interparlamentari ma kinitx milquta wisq b'mod negattiv, tal-inqas fit-termini tal-għadd ta' laqgħat u attivitajiet organizzati. Il-maġġor parti tal-parlamenti implimentaw soluzzjonijiet tekniċi adegwati biex jippermettu l-laqgħat mill-bogħod, li kienu l-mezz standard għall-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni interparlamentari.

Id-dibattiti mill-bogħod u l-laqgħat ibiridi kważi saru n-normalità, għalkemm Membri kemm tal-parlamenti nazzjonali kif ukoll tal-Parlament Ewropew qegħdin iħossu n-nuqqas ta' skambji wiċċ imb wiċċ aktar interattivi u tal-kuntatti personali. Il-laqgħat mill-bogħod urew ukoll li huma formati partikolarment effiċjenti għal laqgħat informali, laqgħat ad hoc u skambji mmirati ma' kelliema ta' livell għoli. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE, li ġiet organizzata mill-bogħod mill-Preżidenza Ġermaniża f'Mejju 2021, adottat dokument bit-titolu "Kooperazzjoni interparlamentari msaħħa permezz tat-teknoloġija moderna", u ddiskutiet kif id-diġitalizzazzjoni taffettwa d-demokrazija rappreżentattiva.

Kif ġara wkoll fil-bidu tal-pandemija, fl-2021 il-Parlament Ewropew kompli juża pjattaforma għal laqgħat multilingwi, li fiha l-interpretazzjoni ġiet fornuta għal-laqgħat tal-kumitati u għall-konferenzi interparlamentari.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Bħas-sena ta' qabel, il-laqgħat mill-bogħod organizzati bil-vidjokonferenzi kienu l-mezz standard għall-komunikazzjoni interparlamentari fl-2021, minn laqgħat bilaterali informali bil-vidjo għal konferenzi kumplessi ta' livell għoli b'diversi parteċipanti. Il-laqgħat mill-bogħod jew ibridi saru n-normalità.
- Il-parteeċipazzjoni mill-Membri tal-parlamenti nazzjonali, tal-Parlament Ewropew u l-kelliema ta' livell għoli f'laqgħat mill-bogħod baqgħet għolja, u dawn tal-aħħar jidher li kienu aktar faċilment disponibbli biex jieħdu sehem f'laqgħat mill-bogħod milli fi skambji bil-preżenza fiżika.
- Il-Parlament Ewropew kompli jtejjeb il-kapaċitajiet tekniċi tiegħu fit-tmexxija ta' laqgħat mill-bogħod.

7.2 CONNECT – il-bażi tad-data tal-Parlament Ewropew ta' osservazzjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali

CONNECT

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jforni lill-Membri tal-PE (b'mod partikolari lir-rapporteurs) u lill-korpi politiċi u lis-servizzi tal-Parlament Ewropew għarfien espert speċifiku dwar l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali fl-ambitu tal-Protokoll Nri 1 u 2 matul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu. F'dan il-kuntest, id-Direttorat jiġġestixxi l-bażi tad-data [CONNECT](https://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/subsidiarity-and-ipd/welcome) (<https://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/subsidiarity-and-ipd/welcome>), li tinkludi d-dokumenti kollha riċevuti mill-parlamenti nazzjonali mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-ambitu tal-Protokoll Nri 1 u 2. Opinjonijiet motivati relatati mas-Sistema ta' Twissija Preventiva huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Mill-2017, il-bażi tad-data CONNECT tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit web tad-Direttorat. L-informazzjoni kollha f'CONNECT, inklużi l-opinjonijiet motivati u l-kontributi li waslu mill-parlamenti nazzjonali, hija direttament disponibbli fl-e-Committee, l-isparzu tax-xogħol komuni tad-DĠ IPOL u tad-DĠ EXPO, skont il-proċedura li huma relatati magħha. Dan japplika mhux biss għall-opinjonijiet motivati iżda wkoll għall-kontributi kollha li waslu mill-parlamenti nazzjonali tal-UE.

CONNECT tippermetti lir-rapporteurs, lill-Membri, lill-assistenti u lill-persunal tas-segretarjati tal-kumitati, kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati esterni kollha, li jkollhom stampa ġenerali aġġornata u kompluta tal-osservazzjonijiet kollha riċevuti mill-parlamenti nazzjonali fi kwalunkwe mument ta' proċedura leġiżlattiva partikolari. Fl-2021, waslu total ta' 345 osservazzjoni: 123 (36%) ġew ippreżentati fil-qafas tal-analiżijiet tas-sussidjarjetà tal-Protokoll Nru 2 u 222 (64%) kienu kontributi fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali.

Fl-1 ta' Jannar 2022, total ta' 6 347 osservazzjoni (opinjonijiet motivati u kontributi) ippreżentata mill-parlamenti nazzjonali tal-UE jistgħu jinstabu fil-bażi tad-data CONNECT. 3 681 (58%) ġew ippreżentati fil-qafas tal-analiżijiet tas-sussidjarjetà tal-Protokoll Nru 2 u 2 666 (42%) ġew ippreżentati fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali.

Żviluppi ewlenin fl-2021:

- Il-bażi tad-data CONNECT ġiet aġġornata biex issir aktar kompatibbli mar-riċeviment awtomatiku tal-osservazzjonijiet permezz tal-pjattaforma għall-osservazzjonijiet tal-parlamenti nazzjonali (National Parliaments Submissions, NPS).

7.3 Direttorju tal-Kumitati Korrispondenti (CorCom)

CORCOM

Id-Direttorju tal-Kumitati Korrispondenti (CorCom) huwa riżorsa ta' informazzjoni dwar il-kumitati tal-parlamenti nazzjonali li jikkorrispondu għall-kumitati tal-Parlament Ewropew. Jagħti wkoll informazzjoni dwar is-segretarji tal-kumitati differenti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE u tal-PE. L-informazzjoni inkluża fid-Direttorju hija fornuta mir-rappreżentanti permanenti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fi Brussell.

CorCom huwa għodda utli għall-istabbiliment ta' rabtiet bejn il-kumitati tal-Parlament Ewropew u l-kumitati korrispondenti tal-parlamenti nazzjonali. Dan iservi wkoll biex jiġu identifikati l-president u s-segretarjat tal-kumitati, li dejjem huwa partikolarment utli għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali.

Wara l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni f'Mejju 2009¹⁷ dwar l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew fl-ambitu tat-Trattat ta' Liżbona (rapporteur: Elmar Brok), ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ġew riveduti f'dan is-sens, u issa jgħidu li "[k] umitat jista' jidħol fi djalogu direttament ma' parlamenti nazzjonali fil-livell ta' kumitati, fil-limiti tal-appropriazzjonijiet baġitarji allokati għal dak il-għan. Dan jista' jinkludi forom xierqa ta' kooperazzjoni pre-leġiżlattiva u post-leġiżlattiva" (Artikolu 150(3) tar-Regoli ta' Proċedura).

L-applikazzjoni CorCom tiġi mtejba u aġġornata kontinwament biex tissodisfa l-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-utenti tagħha. Matul dawn l-aħħar sentejn, din saret applikazzjoni bbażata fuq il-web¹⁸, u issa hija ħafna aktar faċli għall-utent u mgħammra b'firxa sħiħa ta' elementi ġodda. Fl-2021, kien hemm 4 612-il żjara fl-applikazzjoni minn 264 utent, b'187 059 viżwalizzazzjoni individwali fil-paġni web tagħha.

¹⁷Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2009 dwar l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali taħt it-Trattat ta' Liżbona (ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 94).

¹⁸Il-CorCom huwa għall-użu intern biss. Dan huwa disponibbli fuq l-intranet tal-Parlament Ewropew.

7.4 Il-pubblikazzjonijiet tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jipproduċi għadd ta' publikazzjonijiet. Publikazzjoni minnhom, "Spotlight on Parliaments in Europe" tiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' attwalità u jitqassam fost il-parlamenti fin-network tal-ECPRD.

Il-publikazzjoni "Weekly Aġenda" toffri informazzjoni dwar l-attivitajiet li jinvolvu lill-parlamenti nazzjonali bil-ħsieb li jiżdiedu t-trasparenza u l-viżibbiltà tal-bosta attivitajiet interparlamentari.

Il-publikazzjoni "State of Play Note" toffri informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet li jaslu mill-parlamenti nazzjonali.

Il-publikazzjoni "Spotlight on Parliaments in Europe" tiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' attwalità u titqassam fost il-parlamenti fin-network tal-ECPRD.

Fl-2021, id-Direttorat ħejja ħames publikazzjonijiet:

- Spotlight Nru 33 – Frar 2021 – L-istat tal-miżuri dwar il-COVID-19 fil-parlamenti;
- Spotlight Nru 34 – Marzu 2021 – Il-valutazzjoni tal-impatt tal-leġiżlazzjoni fir-rigward tal-ġeneri;
- Spotlight Nru 35 – Lulju 2021 – L-istatut u l-finanzjament tal-partijiet politiċi u l-fondazzjonijiet;
- Spotlight Nru 36 – Settembru 2021 – L-organizzazzjoni tas-seduti plenarji;
- Spotlight Nru 37 – Diċembru 2021 – L-obbligu governattiv li tingħata informazzjoni xierqa dwar l-abbozzi ta' liġijiet.

Il-publikazzjonijiet huma disponibbli fuq is-[sit web tad-Direttorat](http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/publications.html) (<http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/publications.html>).

Il-publikazzjoni "Weekly Aġenda" tintbagħat kull nhar ta' Ġimgħa bil-posta elettronika lill-Membri u lis-servizzi kollha tal-Parlament Ewropew. Fl-2021, intbagħtu 41 ħarġa ta' *Weekly Aġenda*. Il-publikazzjoni tkopri avvenimenti interparlamentari għall-ġimgħa li għejjin, bħaż-żjarat bilaterali, il-konferenzi interparlamentari u l-laqgħat interparlamentari tal-kumitati. L-informazzjoni mogħtija tinkludi d-data, il-post, u s-servizzi tal-PE involuti.

Id-Direttorat jipproduċi wkoll publikazzjoni ta' kull ġimgħa li jisimha "State of Play Note" dwar l-opinjoni motivati u l-kontributi ppreżentati mill-Parlamenti nazzjonali (ara l-Kapitolu 5.1.3.).

Jieħu ħsieb ukoll sit web li jforni informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-publikazzjonijiet tiegħu tal-futur.

8. DIRETTORAT GĦAR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Anki jekk kulħadd kien qiegħed jittama, ma morniex lura għan-normalità fl-2021. Bħall-2020, din kienet sena impenjattiva, għalkemm għal raġunijiet differenti minn ħafna aspetti. Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazżjonali pprova jiżgura l-kontinwità tal-attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi appoġġ ta' kwalità għolja lill-Membri tal-Parlament Ewropew u lid-diversi sħab tiegħu, ikompli jiżviluppa l-kooperazzjoni istituzzjonali u d-djalogu leġiżlattiv mal-parlamenti nazżjonali tal-UE, u joffri assistenza għal diversi avvenimenti interparlamentari.

Id-Direttorat jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet interparlamentari, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kooperazzjoni interparlamentari u jaġixxi bħala ċentru tal-għarfien għal informazzjoni dwar il-parlamenti nazżjonali tal-UE. Jirrappreżenta l-Parlament Ewropew fin-networks amministrattivi ta' kooperazzjoni interparlamentari. Jiġġestixxi r-relazzjonijiet mal-uffiċjali li jirrappreżentaw lill-parlamenti nazżjonali tal-UE fi Brussell u jżomm rabtiet mill-qrib mal-amministrazzjonijiet tagħhom.

Id-Direttorat huwa grat għall-appoġġ kontinwu tas-Segretarju Ġenerali u tad-Deputat Segretarju Ġenerali kif ukoll tas-servizzi kollha fid-Direttorati Ġenerali tal-Parlament Ewropew li jikkoopera magħhom.

Direttriċi: **Katrin Ruhmann**

Id-Direttorat jikkonsisti f'żewġ unitajiet:

Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv

L-Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv hija prinċipalment responsabbli għad-djalogu politiku u leġiżlattiv mal-parlamenti nazżjonali. Hija tippjana, tikkoordina u torganizza laqgħat interparlamentari fil-livell tal-kumitat, inklużi l-laqgħat interparlamentari tal-kumitati, il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea u l-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol. Din tiżgura wkoll il-monitoraġġ tal-analiżi tas-sussidjarjetà u s-segwitu mogħti mir-rapporteurs u mill-kumitati għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. L-Unità torganizza wkoll seminars tematiċi li jlaqqgħu flimkien lill-amministrazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-parlament nazżjonali, u hija responsabbli għall-bażijiet tad-data CONNECT u CorCom.

Kap tal-Unità: **Jesús Gómez**

Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali

L-oqsma ta' kompetenza tal-Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali jinkludu l-kooperazzjoni multilaterali regolata, jiġifieri l-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-UE, il-laqgħat tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti tal-UE u l-COSAC. L-Unità tiegħu ħsieb ukoll in-networks stabbiliti, b'mod partikolari l-IPEX u l-ECPRD, kif ukoll tiġġestixxi l-kooperazzjoni mad-DĠ EXPO u tikkoordina l-Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza u ż-żjarat għat-tiġħ tal-kapaċitajiet.

Kap tal-Unità: Anne Louise McLauchlan

Dan ir-rapport, kif ukoll aktar informazzjoni relatata mar-relazzjonijiet tal-Parlament Ewropew mal-parlamenti nazżjonali tal-UE, jinsabu fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew:

www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/annual-reports

ANNESI

ANNEX I – Laqgħat tal-COSAC – Suġġetti u kelliema ewlenin tal-2021

Avveniment tal-COSAC	Post, data	Topics	Kelliema ewlenin/membri tal-gruppi ta' esperti tal-Parlament Ewropew
Laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC	Vidjokonferenza, 11 ta' Jannar 2021	I – Prijoritajiet tal-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea II – L-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Unjoni Ewropea	
Skambju informali ta' fehmiet ma' Michel Barnier, Kap tat-Task Force għar-Relazzjoni mar-Renju Unit, u mal-Presidenti tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropew tal-parlamenti nazzjonali tal-UE u tal-Parlament Ewropew	Vidjokonferenza, 25 ta' Jannar 2021	Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit	
Skambju informali tal-Presidenti tal-COSAC mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Věra Jourová	Vidjokonferenza, 28 ta' Jannar 2021	Il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea	
Skambju informali tal-Presidenti tal-COSAC mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Stella Kyriakides	Vidjokonferenza, 8 ta' Frar 2021	L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa	
Skambju informali ta' fehmiet bejn il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea Valdis Dombrovskis u l-Presidenti tal-COSAC u l-Parlament Ewropew	Vidjokonferenza, 7 ta' April 2021	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u Reviżjoni tal-Politika Kummerċjali	
Il-LXV Laqgħa Plenarja tal-COSAC	Vidjokonferenza, 31 ta' Mejju – 1 ta' Ġunju 2021	I – Il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE II – Ewropa Soċjali: liema mudell għat-tranżizzjoni ekonomika, diġitali u klimatika trippla? III – L-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza – ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali IV – Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, is-sitwazzjoni attwali	Roberta Metsola, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew Guy Verhofstadt, Membru tal-Parlament Ewropew Antonio Tajani, President tal-Kumitat AFCO tal-Parlament Ewropew
Laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC	Vidjokonferenza, 19 ta' Lulju 2021	I – Il-Prijoritajiet tal-Presidenza Slovena tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea II – Iċ-ċibersigurtà fl-UE – It-tiħin tar-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika u taċ-Ċiberdifiża	Roberta Metsola, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew
Skambju ta' fehmiet bejn Margrethe Vestager, Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea għal Ewropa Lesta għall-Era Diġitali, u l-Presidenti tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej tal-parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew	Vidjokonferenza, 12 ta' Ottubru 2021	Il-Pakkett ta' Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali), il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija, it-taxxa minima globali tal-OECD fuq il-kumpanji	
Skambju ta' fehmiet bejn Kadri Simson, Kummissarju Ewropew għall-Enerġija, u l-Presidenti tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej tal-parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew	Vidjokonferenza, 8 ta' Novembru 2021	Tranżizzjoni enerġetika	
Is-LXVI Laqgħa Plenarja tal-COSAC	Vidjokonferenza, 29-30 ta' Novembru 2021	I – Riżultati miksuba mill-Presidenza Slovena tal-Kunsill tal-UE II – Il-Ħidma għal Prospettiva Ewropea għall-Balkani tal-Punent III – Ir-rwol futur taż-żgħażaġh fil-proċessi deċiżjonali tal-UE u lil hinn IV – Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa	Roberta Metsola, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew Guy Verhofstadt, Membru tal-Parlament Ewropew

Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar l-aġendi tal-laqgħat tal-COSAC kif ippubblikati mill-Presidenzi, ikkonsulta s-sit web IPEX: www.ipex.eu

**ANNEX II – Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati u Konferenzi
Interparlamentari organizzati mill-Parlament Ewropew fi Brussell fl-
2021**

NUMBER OF PARTICIPANTS

Date	European Parliament committee	Event		National Parliaments			EP
		Type of meeting	Title of meeting	Members	Parliaments	Chambers	Members
22 ta' Frar 2021	ECON ENVI EMPL BUG	Ġimgħa Parlamentari Ewropea: Sessjoni plenarja	Konferenza dwar is-Semestru Ewropew – Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea fl-UE	155	26	36	12 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
22 ta' Frar 2021	ECON	Ġimgħa Parlamentari Ewropea: Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea fl-UE	59	23	29	18 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
22 ta' Frar 2021	BUDG	Ġimgħa Parlamentari Ewropea: Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea fl-UE	63	21	26	12 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
22 ta' Frar 2021	EMPL	Ġimgħa Parlamentari Ewropea: Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea fl-UE	41	13	17	13 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
22 ta' Frar 2021	ENVI	Ġimgħa Parlamentari Ewropea: Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea fl-UE	39	15	20	13 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
4 ta' Marzu 2021	FEMM	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	Il-Jum Internazzjonali tal-Mara: "Aħna b'saħħitna: in-nisa fuq quddiem tal-ġieda kontra l-COVID 19"	61	23	31	17 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
14 ta' Ġunju 2021	LIBE / DEVE	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	It-Tieni Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil fl-Ewropa	55	27	36	48 in person + remote connection
22 ta' Ġunju 2021	AFCO	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	Riforma tal-Liġi Elettorali Ewropea, id-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew	38	25	34	24 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
25–26 ta' Ottubru 2021	LIBE	Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt	Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt (JPSG) dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	73	25	30	32 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
27 ta' Settembru 2021	BECA	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	Inbiddu s-sitwazzjoni tal-kanċer: il-fehma tal-parlamenti nazzjonali dwar il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer	39	20	25	15 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
8 ta' Novembru 2021	AIDA	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	L-Intelliġenza Artifiċjali u d-Deċennju Diġitali	46	23	28	9 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
9 ta' Novembru 2021	AFCO	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	L-aspettattivi tal-Parlamenti nazzjonali għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa	56	21	17	9 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
9 ta' Novembru 2021	INGE	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	Indħil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni	38	14	19	17 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
18 ta' Novembru 2021	AGRI	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	L-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi għall-PAK f'kull Stat Membru	54	23	30	30 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
30 ta' Novembru 2021	FEMM	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	L-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa	48	23	30	56 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
9 ta' Diċembru 2021	LIBE	Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati	Stat tad-Dritt	49	21	17	14 bil-preżenza fiżika + konnessjoni mill-bogħod
10 ta' Diċembru 2021	LIBE / DEVE	Konferenza ta' Livell Għoli	It-Tielet Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil fl-Ewropa	57	25	28	13 in-person + remote connection
NUMRU TOTALI TA' PARTEĊIPANTI				971			352

ANNEX III – Żjarat tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew fl-2021 (inklużi vidjokonferenzi ffaċilitati mid-Direttorat)

VISITS OF EU NATIONAL PARLIAMENTS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT IN 2021				
Data/i	Pajjiż u Kamra parlamentari	Kumitat Viżitatur / Ieħor	Rappreżentant tal-PE ma' min iltaqa' l-viżitatur	Tip ta' żjara / Post
5.1.2021	IS-SLOVENJA – Državni zbor	Marko Pogačnik, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Vidjokonferenza
8.1.2021	IL-ĠERMANJA – Bundestag	Gunther Krichbaum, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Vidjokonferenza
19.1.2021	IL-LITWANJA – Seimas	Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Vidjokonferenza
22.1.2021	IL-GREĊJA – Vouli ton Ellinon	Nikitas Kaklamanis, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Vidjokonferenza
1.2.2021	IL-ĠERMANJA – Bundestag	Guido Wolf, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Vidjokonferenza
9.2.2021	FRANZA – Assemblée nationale	Sabine Thillaye, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Vidjokonferenza
22.2.2021	IL-POLONJA – Senat, IL-LITWANJA – Seimas, IL-LATVJA – Saeima, L-ESTONJA – Riigikogu u R-REPUBBLIKA ĊEKA – Senát	Bogdan Klich (President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-UE tas-Senat Pollakk); Laima Andriķienė (il-Litwanja, Viċi President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa); Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė (il-Litwanja, Viċi President tas-Seimas, President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-UE), Rihards Kols (il-Latvja, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin); Enn Eesmaa (l-Estonja); Pavel Fischer (iċ-Ċekja)	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Vidjokonferenza
25.2.2021	IL-FINLANDJA – Eduskunta	Satu Hassi, President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Vidjokonferenza
17.3.2021	IL-PORTUGALL – Assembleia da República	Kumitat għall-Baġits u l-Finanzi	Membri tal-PE tas-Sottokumitat FISC	Vidjokonferenza
22.4.2021	IL-KROAZJA – Sabor	Il-President u l-Membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Vidjokonferenza
3.5.2021	IL-LITWANJA – Seimas	Membri tas-Seimas	Raphaël Glucksmann, Membru tal-PE, President tal-Kumitat INGE	Vidjokonferenza
22.6.2021	IS-SLOVENJA – Državni zbor	Igor Zorčič, President tad-Državni zbor, u l-Membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej tad-Državni zbor tas-Slovenja u l-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Internazzjonali u l-Affarijiet Barranin tad-Državni svet tas-Slovenja	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Is-Slovenja
6.9.2021	IN-NETHERLANDS – Tweede Kamer	Membri tal-PE (rapporteurs dwar ir-riforma tad-WTO)	Membri tal-PE (rapporteurs dwar ir-riforma tad-WTO)	Vidjokonferenza
23.9.2021	L-ESTONJA – Riigikogu	Hanno Pevkur, Viċi President tal-Parlament Ewropew (Riigikogu), u l-Membri tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-UE, il-Kumitat għall-Ambjent u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	L-Estonja
23–24.9.2021	IL-LITWANJA – Seimas	Viktorija Čmilytė-Nielsen, President tas-Seimas, u l-Presidenti u l-Membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għas-Sigurtà Nazzjonali u d-Difiża, u l-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament Litwan (Seimas)	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Il-Litwanja
28.10.2021	IL-POLONJA – Senat	Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-UE tas-Senat Pollakk	L-Ewwel Viċi President Roberta Metsola	Il-Polonja

ANNEX IV – Data tas-Sistema ta' Twissija Preventiva

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li huwa responsabbli għal kwistjonijiet relatati mar-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-Parlament Ewropew, ipprovda dawn id-definizzjonijiet li ġejjin għall-osservazzjonijiet ippreżentati mill-parlamenti nazzjonali:

- **"Opinjonijiet motivati"** huma osservazzjonijiet li jindikaw in-nuqqas ta' rispett min-naħa ta' abbozz ta' att leġislativ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u ġew ikkomunikati lill-Parlament Ewropew qabel it-terminu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattati.
- **"Kontributi"** jindikaw kwalunkwe osservazzjoni oħra li ma tissodisfax il-kriterji elenkati hawn fuq għal opinjoni motivata.

OSSERVAZZJONIJIET RIĊEVUTI MILL-PARLAMENTI NAZZJONALI FL-2021

Stat Membru	Parlament/Kamra parlamentari	Opinjoniġiet motivati	Kontributi
L-Awstrija	<i>Nationalrat</i>	0	1
L-Awstrija	<i>Bundesrat</i>	0	1
Il-Belġju	<i>Chambre des Représentants/Kamer van Volksvertegenwoordigers/Abgeordnetenversammlung</i>	0	0
Il-Belġju	<i>Sénat/Senaat/Senat</i>	0	0
Il-Bulgarija	<i>Narodno Sabranie</i>	0	1
Il-Kroazja	<i>Hrvatski Sabor</i>	0	0
Ċipru	<i>Vouli ton Antiprosópon</i>	0	0
Ir-Repubblika Ċeka	<i>Poslanecká sněmovna</i>	0	8
Ir-Repubblika Ċeka	<i>Senát</i>	4	23
Id-Danimarka	<i>Folketinget</i>	0	2
L-Estonja	<i>Riigikogu</i>	0	0
Il-Finlandja	<i>Eduskunta</i>	0	0
Franza	<i>Assemblée nationale</i>	0	0
Franza	<i>Sénat</i>	4	4
Il-Ġermanja	<i>Bundestag</i>	0	0
Il-Ġermanja	<i>Bundesrat</i>	0	10
Il-Greċja	<i>Vouli ton Ellinon</i>	0	6
L-Ungerija	<i>Országgyűlés</i>	0	0
L-Irlanda	<i>Seanad Éireann</i>	6	0
L-Irlanda	<i>Houses of the Oireachtas</i>	0	1
L-Italja	<i>Camera dei deputati</i>	5	12
L-Italja	<i>Senato</i>	0	10
Il-Litwanja	<i>Seimas</i>	0	0
Il-Lussemburgu	<i>Chambre des Députés</i>	0	0
Il-Latvja	<i>Saeima</i>	0	0
Malta	<i>Kamra tad-Deputati</i>	1	0
In-Netherlands	<i>Tweede Kamer</i>	0	1
In-Netherlands	<i>Eerste Kamer</i>	0	5
Il-Polonja	<i>Sejm</i>	0	0
Il-Polonja	<i>Senat</i>	0	10
Il-Portugall	<i>Assembleia da República</i>	0	38
Ir-Rumanija	<i>Camera Deputaților</i>	0	0
Ir-Rumanija	<i>Senat</i>	0	16
Spanja	<i>Congreso / Senado</i>	0	53
L-Iżvezja	<i>Riksdag</i>	3	0
Is-Slovenja	<i>Državni zbor</i>	0	0
Is-Slovenja	<i>Državni svet</i>	0	0
Is-Slovakkja	<i>Národná rada</i>	1	0
TOTAL		24	202

ANNEX V – Kontributi fl-ambitu tal-Protokoll 1 – Djalogu Politiku Informali

Din it-tabella telenka d-dokumenti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE mibgħuta bi tweġiba għall-abbozzi ta' atti leġiżlattivi li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE, kif ukoll għal varjetà kbira ta' dokumenti mhux leġiżlattivi bħal Green/White Papers jew komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-Protokoll Nru 1 tat-Trattati.

KONTRIBUTI LI WASLU MILL-PARLAMENTI NAZZJONALI FL-2021		
Stat Membru	Parlament/Kamra parlamentari	Kontributi
L-Awstrija	<i>Nationalrat</i>	0
L-Awstrija	<i>Bundesrat</i>	1
Il-Belġju	<i>Chambre des Représentants/Kamer van Volksvertegenwoordigers/Abgeordnetenversammlung</i>	0
Il-Belġju	<i>Sénat/Senaat/Senat</i>	2
Il-Bulgarija	<i>Narodno Sabranie</i>	0
Il-Kroazja	<i>Hrvatski Sabor</i>	0
Ċipru	<i>Vouli ton Antiprosópon</i>	0
Ir-Repubblika Ċeka	<i>Poslanecká sněmovna</i>	13
Ir-Repubblika Ċeka	<i>Senát</i>	27
Id-Danimarka	<i>Folketinget</i>	0
L-Estonja	<i>Riigikogu</i>	0
Il-Finlandja	<i>Eduskunta</i>	1
Franza	<i>Assemblée nationale</i>	7
Franza	<i>Sénat</i>	11
Il-Ġermanja	<i>Bundestag</i>	1
Il-Ġermanja	<i>Bundesrat</i>	10
Il-Greċja	<i>Vouli ton Ellinon</i>	0
L-Ungerija	<i>Országgyűlés</i>	0
L-Irlanda	<i>Houses of the Oireachtas</i>	1
L-Italja	<i>Camera dei deputati</i>	11
L-Italja	<i>Senato</i>	0
Il-Litwanja	<i>Seimas</i>	1
Il-Lussemburgu	<i>Chambre des Députés</i>	0
Il-Latvja	<i>Saeima</i>	0
Malta	<i>Kamra tad-Deputati</i>	0
In-Netherlands	<i>Tweede Kamer</i>	5
In-Netherlands	<i>Eerste Kamer</i>	10
Il-Polonja	<i>Sejm</i>	0
Il-Polonja	<i>Senat</i>	2
Il-Portugall	<i>Assembleia da República</i>	16
Ir-Rumanija	<i>Camera Deputaţilor</i>	24
Ir-Rumanija	<i>Senat</i>	16
Spanja	<i>Congreso / Senado</i>	60
L-Iżvezja	<i>Riksdag</i>	1
Is-Slovenja	<i>Državni zbor</i>	0
Is-Slovenja	<i>Državni svet</i>	0
Is-Slovakkja	<i>Národná rada</i>	2
TOTAL		222

ANNEX VI – Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD)

A. Kwistjonijiet li dwarhom il-korpi politiċi u s-servizzi amministrattivi tal-Parlament Ewropew ikkonsultaw lin-network tal-ECPRD fl-2021 permezz ta' talbiet komparattivi:

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri fid-diplomazija parlamentari
2. Aġġornament dwar it-talba 4548: dokument kollaborattiv għall-aġġornament tat-tabella: "L-istat tal-miżuri dwar il-COVID 19 fil-parlamenti"
3. L-aċċessibbiltà tal-bini tal-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE
4. L-istatut u l-finanzjament tal-partijiet politiċi u l-fondazzjonijiet
5. Il-proċeduri nazzjonali ta' ħatra għall-membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)
6. Stħarriġ dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri
7. L-organizzazzjoni tas-sessjonijiet plenarji
8. Dħul allokat, teħid ta' self u għoti ta' self
9. Inċentivi għaż-żieda fil-parteċipazzjoni fid-dibattiti plenarji
10. Iċ-ċibersigurtà fil-Parlament
11. In-networks tal-IPU Parline u tal-ECPRD
12. Il-modernizzazzjoni tas-servizzi loġistiċi fil-parlamenti
13. Il-politiki dwar l-ittestjar tal-istress għall-promozzjoni tar-robustezza u r-reżiljenza tagħhom
14. Aġġornament dwar it-talba 4855: l-użu taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fix-xogħlijiet parlamentari

B. Il-Parlament Ewropew ta tweġibiet għal talbiet minn parlamenti oħra tal-ECPRD dwar is-suġġetti li ġejjin:

1. Is-Segretarji Parlamentari [Whips]
2. L-esperjenza fil-Parlament Ewropew ta' diversi kwistjonijiet relatati max-xogħol tal-Membri tal-PE
3. Ir-regolamentazzjoni leġislattiva tal-klieb tal-kaċċa
4. Aġġornament dwar it-talba 4855: l-użu taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fix-xogħlijiet parlamentari
5. Il-politiki dwar l-ittestjar tal-istress għall-promozzjoni tar-robustezza u r-reżiljenza tagħhom
6. L-inammissibbiltà tal-emendi lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' liġi (dispożizzjonijiet addizzjonali)
7. Id-diliġenza dovuta u r-responsabbiltà korporattiva
8. Iċ-ċentri tal-viżitaturi
9. In-nuqqas ta' konformità ma' ordni skont il-liġi jew talba ta' uffċjal tal-infurzar tal-liġi u oħrajn
10. L-ammissjoni taċ-champions Olimpiċi fl-universitajiet mingħajr ma jgħaddu mill-eżamijiet
11. Is-sottotitolar tal-laqqgħat tal-kumitat u tal-Kummissjoni (għal persuni b'insuffiċjenza fis-smiġħ)
12. L-ostakli tekniċi għad-dħul fil-bini parlamentari
13. Ir-regoli għall-abbozzar tal-liġi u l-proċess ta' tfassil tal-liġijiet
14. Il-ftuħ mill-ġdid tal-fergħat tal-libreriji u l-forniment ta' servizzi ta' libreriji fuq il-post matul il-COVID-19
15. Aġġornament dwar it-talba 2413: "Il-Kabinet tal-President tal-Kunsill Ewropew"
16. Ir-rwol tal-tal-President tal-Kamra tad-Deputati
17. Il-persunal parlamentari u l-politiki dwar metodi ta' xogħol imħallta jew ibridi
18. L-użu taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE fix-xogħlijiet parlamentari
19. Sessjoni parlamentari ġdida u l-miżuri fis-seħħ
20. In-networks tal-IPU Parline u tal-ECPRD

21. L-użu tal-kannabis għall-konsum mill-bniedem
22. L-Arkivji Parlamentari – aġġornament tat-talba 902
23. Negliġenza medika
24. Il-maġġoranza ta' voti meħtieġa għall-ħatra tal-uffiċjali mill-Parlament
25. Parlament favur il-familja għall-Membri tal-parlamenti nazzjonali
26. Id-diskorsi fil-Parlament ta' kap ta' stat/gvern barrani
27. Test antiġeniku għall-COVID-19 fil-Parlament
28. Standards għal swieq agrikoli żgħar
29. Kundizzjonijiet u restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-mandat parlamentari
30. Investigazzjonijiet dwar il-bullying, il-fastidju u l-imġiba sesswali ħażina: "ir-rapportar kollettiv"
31. Il-kodiċi tal-edukazzjoni
32. Id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti parlamentari – aktar mistoqsijiet
33. Politika leġiżlattiva ġdida dwar ir-reati amministrattivi
34. Mezz intanġibbli għat-tneġġig tal-meċenati tal-kultura
35. Il-media tas-servizzi pubbliċi u l-kunsilli tal-media
36. Il-proċess ta' tfassil tal-liġijiet
37. L-eżenzjoni/l-eliminazzjoni tal-pieni meta persuna minorenni/taħt l-età tirrifjuta li jkollha relazzjonijiet personali ma' wieħed mill-ġenituri tagħha
38. L-obbligu tal-Membri ta' parlament li jirċievu s-salarju jew il-paga tagħhom
39. L-istituti tal-istudji parlamentari, il-parlamentariżmu u l-formazzjoni leġiżlattiva
40. L-istrateġija tal-ICT
41. Ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment imposti matul il-pandemija tal-COVID-19
42. Id-diġitalizzazzjoni u l-ħidma parlamentari virtwali
43. Il-kostruzzjoni tal-faċilitajiet sportivi
44. Il-projbizzjoni tal-fastidju sesswali
45. Il-laqgħat tal-kumitati mill-bogħod
46. L-appoġġ għall-Membri tal-parlamenti u l-aġenti pubbliċital-Parlament li kienu soġġetti għall-fastidju fuq il-media soċjali
47. L-akkwist tar-raba'
48. Il-festi reliġjużi u akkomodazzjonijiet raġonevoli għar-reliġjon
49. Il-preżentazzjoni ta' appell fil-kassazzjoni (proċess fil-qorti tal-aħħar istanza)
50. Baġitjar għall-benesseri
51. Kwestjonarju relatat mal-webinar bit-titolu "Kif għandu jissaħħaħ il-kontroll parlamentari fuq il-proċessi tal-baġit: ir-relazzjoni bejn il-parlamenti, il-kunsilli fiskali u l-istituzzjonijiet tal-awditjar"
52. Talba urġenti: ir-rwol tal-Parlament fid-destituzzjoni tal-President tar-Repubblika (il-Kap tal-Istat)
53. Kotba tal-iskola diġitali
54. Il-funzjoni u l-politiki tal-protokoll fil-Parlament
55. It-tnaqqis tal-vjolenza u l-bullying fost it-tfal
56. Il-finanzjament mill-Istat tal-organizzazzjonijiet sportivi
57. Ċerti aspetti tal-attività parlamentari bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-31 ta' Marzu 2021
58. Stħarriġ dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri
59. L-użu obligatorju u kondizzjonali tal-maskri fl-edukazzjoni primarja (kindergarten u skola primarja)
60. Urġenti: id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-Viċi Presidenti fil-parlamenti nazzjonali
61. Il-prattika parlamentari fir-rigward tal-Aġenda u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għall-2030
62. Il-politika tal-enerġija tal-Parlament
63. Ix-xogħol imwettaq mill-persunal tal-Membri u l-iskrutinju tiegħu
64. Kwestjonarju relatat mal-webinar bit-titolu "Il-komunikazzjoni online u l-adattament tal-komunikazzjoni parlamentari matul il-pandemija"

65. Il-komunikazzjoni istituzzjonali
66. L-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa għan-nisa b'diżabbiltà
67. L-istrateġija tal-media soċjali fil-Parlament
68. It-teħid u l-kontroll tal-ispejjeż relatati mal-mandat tal-Membri tal-Parlament (Prise en charge et contrôle des frais liés au mandat des parlementaires)
69. Ir-rwol tal-Parlament fl-iżvilupp tal-valutazzjonijiet tal-impatt regolatorji
70. L-adattament u t-tagħmir tal-laqgħat plenarji sabiex jinqdew il-parlamentari b'diżabbiltà
71. It-treċċid u ċ-ċirkolazzjoni tal-ikel tat-trabi
72. L-impożizzjoni tal-manteniment
73. Id-dashboards tad-data parlamentari
74. L-arkivjar elettroniku
75. L-użu ta' apparati elettroniċi mobbli fil-plenarja u fi ħdan il-korpi parlamentari
76. Ir-regolamentazzjoni tar-ragħa
77. It-teknoloġija għall-vidjokonferenzi u s-servizzi tal-cloud
78. Pjan għall-iżvilupp tar-riżorsi umani
79. It-twaqqif ta' sottokumitat fi ħdan kumitat parlamentari permanenti
80. Aġġornament dwar it-talba 4548: dokument kollaborattiv għall-aġġornament tat-tabella "l-istat tal-miżuri dwar il-COVID 19 fil-parlamenti"
81. Votazzjoni permezz ta' vot sigriet barra mill-Parlament
82. Il-pjan għat-tilqim kontra l-COVID-19
83. Regolamenti dwar il-ħabs u kwistjonijiet ta' saħħa tal-persuni detenuti
84. Dikjarazzjoni ta' interessi ta' esperti li nstemgħu fil-Parlament
85. Is-siġar tal-Milied fil-Parlament
86. Mistoqsijiet addizzjonali b'rabta ma' talba dwar il-pożizzjoni ġeografika tal-librerija, l-arkivji parlamentari, eċċ. X'inhu s-sinifikat tal-post għall-utenti, is-servizz u l-fluss tax-xogħol?
87. Proċedura "Renegade"
88. L-unitajiet operattivi fil-Parlamenti

C. Seminars tal-ECPRD u laqgħat statutorji fl-2021

SEMINARS		
Suġġetti	Post	Data
Webinar – "Liema bidliet fil-proċedura introdotti minħabba l-COVID-19 se jinżammu fil-Parlament tiegħek ladarba tintemm il-pandemija?" (<i>Qasam ta' interess: prattika u proċeduri parlamentari</i>)	Londra / online	16.12.2021
Webinar – "Demkorazija mingħajr qtugħ fil-qosor – skambju mal-filosfa politika Cristina Lafont" (<i>Qasam ta' interess: prattika u proċeduri parlamentari</i>)	Vjenna / online	2.11.2021
Webinar – Kif għandu jissaħħa il-kontroll parlamentari fuq il-proċessi tal-baġit (<i>Qasam ta' interess: affarijiet ekonomiċi u baġitarji</i>)	Podgorica / online	8.7.2021
Webinar – Il-Parlamenti u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (<i>Qasam ta' interess: prattika u proċeduri parlamentari</i>)	Vjenna / online	14.6.2021
Webinar – ICT – Il-Parlamenti fuq l-Internet fl-2021 – il-komunikazzjoni online u l-adattament tal-komunikazzjoni parlamentari matul il-pandemija (<i>Qasam ta' interess: ICT fil-parlamenti</i>)	Helsinki / online	3.6.2021
Webinar – "Sena ta' Tama u Tranżizzjoni" (<i>Qasam ta' interess: libreriji, riċerka u arkivji parlamentari</i>)	Brussell / online	1 3.6.2021
Webinar – "L-Involvement tal-Parlament fid-Definizzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza" (<i>Qasam ta' interess: affarijiet ekonomiċi u baġitarji</i>)	Ruma / online	23.4.2021
Webinar – ICT – il-frem u s-siġilli elettroniċi (<i>Qasam ta' interess: ICT fil-parlamenti</i>)	Brussell / online	15.3.2021
Webinar – Il-Parlamenti u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (<i>Qasam ta' interess: prattika u proċeduri parlamentari</i>)	Vjenna / online	18.1.2021

LAQGĦAT STATUTORJI		
Suġġetti	Post	Data
Konferenza Annwali tal-Korrispondenti	Londra / online	18.11.2021
Laqgħa Eżekuttiva tal-Kumitati	Brussell / online	23.9.2021
Laqgħa Eżekuttiva tal-Kumitati	Brussell / online	1.7.2021
Laqgħa Eżekuttiva tal-Kumitati	Brussell / online	18.3.2021

Glossarju tat-termini u tal-akronimi

AFCO: Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, Parlament Ewropew.

AFET: Kumitat għall-Affarijiet Barranin, Parlament Ewropew.

AIDA: Kumitat Speċjali għall-Intelliġenza Artifiċjali f'Era Diġitali, Parlament Ewropew.

BECA: Kumitat Speċjali għall-Ġlieda kontra l-Kanċer, Parlament Ewropew.

BUDG: Kumitat għall-Baġits, Parlament Ewropew.

CORCOM: Direttorju tal-Kumitati Korrispondenti. Sors ta' informazzjoni dwar il-kumitati tal-parlamenti nazzjonali li jikkorrispondu għall-kumitati tal-Parlament Ewropew. Jagħti informazzjoni dwar is-segretarji tal-kumitati differenti tal-parlamenti nazzjonali tal-UE u tal-Parlament Ewropew.

COSAC: Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni. Konferenza tal-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Membri tal-parlamenti nazzjonali bbażata fuq it-trattati mill-kumitati parlamentari responsabbli għall-affarijiet tal-Unjoni Ewropea.

DEVE: Kumitat għall-Iżvilupp, Parlament Ewropew.

DĠ EXPO: Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Unjoni, Segretarjat tal-Parlament Ewropew.

DĠ IPOL: Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Segretarjat tal-Parlament Ewropew.

DĠ ITEC: Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u s-Sostenn Teknoloġiku, Segretarjat tal-Parlament Ewropew.

ECPRD: Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari. Network ta' skambju ta' informazzjoni għall-amministrazzjonijiet tal-parlamenti fl-Ewropa, li jiffunzjona abbażi ta' talbiet komparattivi.

ECON: Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij, Parlament Ewropew.

EMPL: Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, Parlament Ewropew.

PE: Parlament Ewropew.

ĠPE: Ġimgħa Parlamentari Ewropea. Il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea (IPC SECG) u l-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew ilaqqgħu flimkien parlamentari mill-Unjoni Ewropea kollha biex jiddiskutu temi ekonomiċi, baġitarji u soċjali.

Eurojust: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali.

Europol: l-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

EUSC: Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea. Laqgħa annwali tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, organizzata mill-Parlament tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE tal-ħarifa preċedenti.

EWS: Sistema ta' Twissija Preventiva. Mekkaniżmu ta' reviżjoni stabbilit fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattati dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Jipprevedi li l-parlamenti nazzjonali jibagħtu opinjoni motivata lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet.

FEMM: Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, Parlament Ewropew.

ICM: Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati. Laqgħat koorganizzati mis-segretarjat(i) tal-kumitat(i) u mill-Unità tad-Djalogu Leġislattiv tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali tal-Parlament Ewropew. Dawn jikkostitwixxu forum għad-djalogu bejn il-Membri tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew.

INGE: Kumitat Speċjali dwar l-Indiżil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni, Parlament Ewropew.

Konferenza Interparlamentari għall-PESK/PSDK: Konferenza Interparlamentari għall-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Pjattaforma interparlamentari għad-dibattitu dwar il-politika ewropea, ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE. Organizzata darbtejn fis-sena mill-parlament tal-Istat Membru tal-UE li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew.

DPI: Djalogu Politiku Informali. Il-kontributi tal-parlamenti nazzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1 għat-Trattati li jikkomentaw dwar il-fajls leġiżlattivi li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE kif ukoll dwar dokumenti mhux leġiżlattivi bħall-White papers jew il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea.

IPEX: Skambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE. Pjattaforma għall-iskambju reċiproku ta' dokumenti u informazzjoni relatati mal-UE bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew.

JPSG: Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol. Grupp ta' skrutinju interparlamentari li jiżgura li l-Europol tkun kompletament responsabbli u trasparenti. Il-JPSG jorganizza żewġ laqgħat fis-sena: waħda fil-parlament tal-pajjiż li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE, u oħra fil-Parlament Ewropew.

JURI: Kumitat għall-Affarijiet Legali, Parlament Ewropew.

LIBE: Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, Parlament Ewropew.

Membri: Membri tal-parlamenti (nazzjonali).

Membri tal-PE: Membri tal-Parlament Ewropew.

PESCO: Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża, stabbilita b'deċiżjoni tal-Kunsill fil-11 ta' Diċembru 2017 ma' 25 Stat Membru. Din toffri qafas ġuridiku biex jiġu ppjanati, żviluppati u jsiru investimenti b'mod konġunt fi proġetti ta' kapaċità kondiviżiva, u jittejbu l-livell ta' tnejjija operattiva u l-kontribut tal-forzi armati.

Spotlight: Pubblikazzjonijiet relatati mas-sommarji dwar il-proċeduri jew il-prattiki parlamentari u bbażati fuq tweġibiet għat-talbiet mibgħuta lin-network tal-ECPRD.

TUE: Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

TFUE: Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UE

Diċembru 2021



eletti direttament



eletti/maħturin/ieħor indirettament

<p> Belgique/België/ Belgien BELĠJU</p> <p>Kamer van volksvertegenwoordigers/ Chambre des représentants/ Abgeordnetenversammlung</p> <p>150 </p> <p>Senaat/ Sénat/ Senat</p> <p>60 </p>	<p> България BULGARIJA</p> <p>Народно събрание (Narodno sabranie)</p> <p>240 </p>	<p> Česká republika REPUBBLIKA ĊEKA</p> <p>Poslanecká sněmovna</p> <p>200 </p> <p>Senát</p> <p>81 </p>	<p> Danmark DANIMARKA</p> <p>Folketinget</p> <p>179 </p>
<p> Deutschland ĠERMANJA</p> <p>Deutscher Bundestag</p> <p>709 </p> <p>Bundesrat</p> <p>69 </p>	<p> Eesti ESTONJA</p> <p>Riigikogu</p> <p>101 </p>	<p> Éire/Ireland IRLANDA</p> <p>Dáil Éireann</p> <p>160 </p> <p>Seanad Éireann</p> <p>60 </p>	<p> Ελλάδα GRĊJA</p> <p>Βουλή των Ελλήνων (Vouli ton Ellinon)</p> <p>300 </p>
<p> España SPANJA</p> <p>Congreso de los Diputados</p> <p>350 </p> <p>Senado</p> <p>208 </p> <p>57 </p>	<p> France FRANZA</p> <p>Assemblée nationale</p> <p>577 </p> <p>Sénat</p> <p>348 </p>	<p> Hrvatska KROAZJA</p> <p>Hrvatski sabor</p> <p>151 </p>	<p> Italia ITALJA</p> <p>Camera dei Deputati</p> <p>629 </p> <p>Senato della Repubblica</p> <p>315 </p> <p>6 </p>
<p> Κύπρος ĊIPRU</p> <p>Βουλή των Αντιπροσώπων (Vouli ton Antiprosopon)</p> <p>56 </p>	<p> Latvija LATVIJA</p> <p>Saeima</p> <p>100 </p>	<p> Lietuva LITWANJA</p> <p>Seimas</p> <p>141 </p>	<p> Luxembourg LUSSEMBURGU</p> <p>Chambre des Députés</p> <p>60 </p>
<p> Magyarország UNGERIJA</p> <p>Országgyűlés</p> <p>199 </p>	<p> Malta MALTA</p> <p>Il-Kamra Tad-Deputati</p> <p>67 </p>	<p> Nederland NETHERLANDS</p> <p>Tweede Kamer</p> <p>150 </p> <p>Eerste Kamer</p> <p>75 </p>	<p> Österreich AWSTRIJA</p> <p>Nationalrat</p> <p>183 </p> <p>Bundesrat</p> <p>61 </p>
<p> Polska POLONJA</p> <p>Sejm</p> <p>460 </p> <p>Senat</p> <p>100 </p>	<p> Portugal PORTUGALL</p> <p>Assembleia da República</p> <p>230 </p>	<p> România RUMANIJA</p> <p>Camera Deputatilor</p> <p>330 </p> <p>Senat</p> <p>136 </p>	<p> Slovenija SOVENJA</p> <p>Državni zbor</p> <p>90 </p> <p>Državni svet</p> <p>40 </p>
<p> Slovensko SLOVAKKJA</p> <p>Národná Rada</p> <p>150 </p>	<p> Suomi/ Finland FINLANDJA</p> <p>Eduskunta</p> <p>200 </p>	<p> Sverige ŻVEZJA</p> <p>Riksdagen</p> <p>349 </p>	



RELNATPARL@EP.EUROPA.EU

WWW.EUROPARL.EUROPA.EU/RELNATPARL

